ISSN 1977-074X

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 204

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 56

31 ta' Lulju 2013

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

★ **Avviż li jirrigwarda l-applikazzjoni proviżorja tal-Parti IV (kwistjonijiet kummerċjali) tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Amerika Ċentrali min-naħa l-oħra (in-Nikaragwa)** ..... 1

★ **Avviż li jirrigwarda l-applikazzjoni proviżorja tal-Parti IV (kwistjonijiet kummerċjali) tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Amerika Ċentrali min-naħa l-oħra (il-Panama)** ..... 1

★ **Avviż li jirrigwarda l-applikazzjoni proviżorja tal-Parti IV (kwistjonijiet kummerċjali) tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Amerika Ċentrali min-naħa l-oħra (il-Ħonduras)** ..... 1

2013/408/Euratom:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-31 ta' Lulju 2012 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim għall-Kooperazzjoni fl-Użi Paċifiċi tal-Enerġija Nukleari bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Gvern tar-Repubblika tal-Afrika t'Isfel** ..... 2

**Ftehim Bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Afrika t'Isfel u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) għall-Kooperazzjoni fl-Użi Paċifiċi tal-Enerġija Nukleari** ..... 3

**Prezz: EUR 4**

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

**MT**

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 733/2013 tat-22 ta' Lulju 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 994/98 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 92 u 93 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għal ċertu kategoriji ta' għajnuna mill-Istat orizzontali** ([1]) ..... 11

★ **Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 734/2013 tat-22 ta' Lulju 2013 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE** ([1]) ..... 15

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 735/2013 tat-30 ta' Lulju 2013 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 101/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija** ..... 23

★ **Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 736/2013 tas-17 ta' Mejju 2013 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-medda ta' żmien għall-programm ta' ħidma għall-eżami ta' sustanzi attivi bijoċidali eżistenti** ([1]) ..... 25

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 737/2013 tat-30 ta' Lulju 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 501/2008 dwar termini u kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3/2008 rigward azzjonijiet ta' informazzjoni u promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi** ..... 26

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 738/2013 tat-30 ta' Lulju 2013 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-użu ta' ċerti addittivi f'analogi tal-bajd tal-ħut abbażi tal-alka** ([1]) ..... 32

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 739/2013 tat-30 ta' Lulju 2013 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-użu ta' steroli tal-pjanti rikki fl-Istigmasteroli bħala stabilizzaturi f'koktejls alkaħoliċi lesti biex jiġu ffriżati u l-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet għall-addittiv tal-ikel abbażi ta' steroli tal-pjanti rikki fl-istigmasteroli** ([1]) ..... 35

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 740/2013 tat-30 ta' Lulju 2013 dwar derogi mir-regoli tal-oriġini stabbiliti fl-Anness II tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa, u l-Kolombja u l-Perù, fuq in-naħa l-oħra, li japplikaw għall-kwoti ta' ċerti prodotti mill-Kolombja** ..... 40

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 741/2013 tat-30 ta' Lulju 2013 li jiftaħ u jipprevedi l-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni għall-prodotti agrikoli li joriġinaw mill-Kolombja** ..... 43

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 742/2013 tat-30 ta' Lulju 2013 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ..... 47

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fuq il-qoxra ta' wara minn ġewwa)*

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## Avviż li jirrigwarda l-applikazzjoni proviżorja tal-Parti IV (kwistjonijiet kummerċjali) tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Amerika Ċentrali min-naħa l-oħra (in-Nikaragwa)

Sakemm jitlestew il-proċeduri għall-konklużjoni tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Amerika Ċentrali min-naħa l-oħra, iffirmat f'Tegucigalpa fid-29 ta' Ġunju 2012, Parti IV tiegħu rigward kwistjonijiet kummerċjali għandha, f'konformità mal-Artikolu 353(4) tiegħu, tiġi applikata fuq bażi proviżorja bejn l-Unjoni Ewropea u n-Nikaragwamill-1 ta' Awwissu 2013. Bis-saħħa tal-Artikolu 3 (1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2012 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim, l-Artikolu 271 m'għandux jiġi applikat proviżorjament.

---

## Avviż li jirrigwarda l-applikazzjoni proviżorja tal-Parti IV (kwistjonijiet kummerċjali) tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Amerika Ċentrali min-naħa l-oħra (il-Panama)

Sakemm jitlestew il-proċeduri għall-konklużjoni tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Amerika Ċentrali, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Tegucigalpa fid-29 ta' Ġunju 2012, Parti IV tiegħu rigward kwistjonijiet kummerċjali għandha, f'konformità mal-Artikolu 353(4) tiegħu, tiġi applikata fuq bażi proviżorja bejn l-Unjoni Ewropea u l-Panama mill-1 ta' Awwissu 2013. Bis-saħħa tal-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2012 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim, l-Artikolu 271 m'għandux jiġi applikat proviżorjament.

---

## Avviż li jirrigwarda l-applikazzjoni proviżorja tal-Parti IV (kwistjonijiet kummerċjali) tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Amerika Ċentrali min-naħa l-oħra (il-Ħonduras)

Sakemm jitlestew il-proċeduri għall-konklużjoni tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Amerika Ċentrali, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Tegucigalpa fid-29 ta' Ġunju 2012, Parti IV tiegħu rigward kwistjonijiet kummerċjali għandha, f'konformità mal-Artikolu 353(4) tiegħu, tiġi applikata fuq bażi proviżorja bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ħondurasmill-1 ta' Awwissu 2013. Bis-saħħa tal-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2012 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim, l-Artikolu 271 m'għandux jiġi applikat proviżorjament.

---

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-31 ta' Lulju 2012

## dwar il-konklużjoni ta' Ftehim għall-Kooperazzjoni fl-Użi Paċifiċi tal-Enerġija Nukleari bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Gvern tar-Repubblika tal-Afrika t'Isfel

(2013/408/Euratom)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari t-tieni paragrafu tal-Artikolu 101 tiegħu,

Wara li kisbet l-approvazzjoni tal-Kunsill,

Billi:

Il-Ftehim għall-Kooperazzjoni fl-Użi Paċifiċi tal-Enerġija Nukleari bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Gvern tar-Repubblika tal-Afrika t'Isfel għandu jiġi konkluż,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim għall-kooperazzjoni fl-użi paċifiċi tal-enerġija nukleari bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Gvern tar-Repubblika tal-Afrika t'Isfel huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika. It-test tal-Ftehim jinsab mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Membru tal-Kummissjoni huwa b'dan awtorizzat jiffirma l-Ftehim u jwettaq il-passi neċessarji kollha għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim li għandu jiġi konkluż f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Lulju 2012.

*Għall-Kummissjoni*

Günther OETTINGER

*Membru tal-Kummissjoni*

## FTEHIM

## Bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Afrika t'Isfel u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) għall-Kooperazzjoni fl-Użi Paċifiċi tal-Enerġija Nukleari

Il-Gvern tar-Repubblika tal-Afrika t'Isfel, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Afrika t'Isfel", u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom), minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Komunità", u minn hawn 'il quddiem flimkien imsejħa "il-Partijiet",

FILWAQT LI JQISU r-relazzjonijiet tajbin u l-kooperazzjoni eżistenti bejn iż-żewġ Partijiet;

FILWAQT LI JINNOTAW b'sodisfazzjon l-eżitu fejjiedi tal-kooperazzjoni ekonomika, teknika u xjentifika bejn il-Partijiet;

FILWAQT LI JQISU l-Ftehim dwar il-Kummerċ, l-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa, u r-Repubblika tal-Afrika t'Isfel, fuq in-naħa l-oħra, magħmul fil-11 ta' Ottubru 1999;

FILWAQT LI JQISU l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-Membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku fuq naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra, magħmul fit-23 ta' Ġunju 2000;

FILWAQT LI JIXTIEQU jippromwovu l-kooperazzjoni bejniethom fl-użu ta' enerġija għal skopijiet paċifiċi;

FILWAQT LI JAFFERMAW MILL-ĠDID l-impenn b'saħħtu tal-Gvern tal-Afrika t'Isfel, il-Komunità u l-Gvernijiet tal-Istati Membri tagħha lejn in-nonproliferazzjoni nukleari inkluż it-tisħiħ u l-applikazzjoni effiċjenti tas-salvagwardji relatati u s-sistemi ta' kontroll tal-esportazzjoni li bis-saħħa tagħhom għandha sseħħ il-kooperazzjoni fl-użi paċifiċi tal-enerġija nukleari bejn l-Afrika t'Isfel u l-Komunità;

FILWAQT LI JAFFERMAW MILL-ĠDID l-appoġġ tal-Gvern tal-Afrika t'Isfel, tal-Komunità u l-Gvernijiet tal-Istati Membri tagħha lill-għanijiet tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"IAEA", u s-sistema ta' salvagwardji tagħha;

FILWAQT LI JAFFERMAW MILL-ĠDID l-impenn b'saħħtu tar-Repubblika tal-Afrika t'Isfel, il-Komunità u l-Istati Membri tagħha lejn il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni Fiżika ta' Materjal Nukleari magħmul fit-3 ta' Marzu 1980;

BILLI r-Repubblika tal-Afrika t'Isfel u l-Istati Membri kollha tal-Komunità huma Partijiet għat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari magħmul fl-1 ta' Lulju 1968, minn hawn 'il quddiem l-"NPT",

FILWAQT LI JINNOTAW li s-salvagwardji nukleari huma applikati fl-Istati Membri kollha tal-Komunità f'konformità kemm mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "it-Trattat Euratom", kif ukoll mal-ftehimiet tas-salwagwardji konklużi bejn il-Komunità, l-Istati Membri tagħha u l-IAEA;

FILWAQT LI JQISU it-Trattat ta' Żona Afrikana Ħielsa mill-Armi Nukleari (it-Trattat ta' Pelindaba), magħmul fil-11 ta' April 1996 u li daħal fis-seħħ fil-15 ta' Lulju 2009;

FILWAQT LI JINNOTAW li r-Repubblika tal-Afrika t'Isfel u l-Gvernijiet tal-Istati Membri kollha tal-Komunità jipparteċipaw fil-Grupp ta' Fornituri Nukleari;

FILWAQT LI JINNOTAW li għandhom jitqiesu l-impenji li ħadu r-Repubblika tal-Afrika t'Isfel u l-Gvernijiet ta' kull Stat Membru tal-Komunità fil-qafas tal-Grupp ta' Fornituri Nukleari;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU l-prinċipju fundamentali tal-moviment liberu fis-suq intern fi ħdan l-Unjoni Ewropea;

FILWAQT LI JAQBLU li dan il-Ftehim għandu jkun f'konformità mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Afrika t'Isfel fl-ambitu tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ;

FILWAQT LI JTENNU l-impenji tar-Repubblika tal-Afrika t'Isfel u l-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Komunità lejn il-ftehimiet bilaterali tagħhom fl-użi paċifiċi tal-enerġija nukleari;

FTIEHMU KIF ĠEJ:

*Artikolu I*

### Definizzjonijiet

Għall-fini ta' dan il-Ftehim, sakemm mhux speċifikat mod ieħor fih,

1. "awtorità kompetenti" tfisser:

   (a) għar-Repubblika tal-Afrika t'Isfel, id-Dipartiment tal-Enerġija;

   (b) għall-Komunità, il-Kummissjoni Ewropea

   jew awtorità oħra tali li l-Parti kkonċernata tista' f'kull ħin tinnotifika bil-miktub lill-Parti l-oħra dwarha;

2. "tagħmir" tfisser dawk l-oġġetti elenkati fit-taqsimiet 1, 3, 4, 5, 6 u 7 tal-Anness B taċ-Ċirkolari ta' Informazzjoni INFCIRC/254/Rev.10/Parti 1 tal-IAEA (Linji Gwida għat-Trasferimenti Nukleari);

3. "informazzjoni" tfisser dejta xjentifika jew teknika, riżultati jew metodi ta' riċerka u żvilupp li jirriżultaw mir-riċerka konġunta u kwalunke informazzjoni oħra li hi meqjusa neċessarja mill-Partijiet u/jew parteċipanti mqabbda biex jaħdmu fil-proġetti ta' riċerka konġunta li trid tkun pprovduta jew skambjata taħt dan il-Ftehim jew riċerka skont dan;

4. “proprjetà intellettwali” għandu jkollha t-tifsira msemmija fl-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni li tistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija dwar il-Proprjetà Intellettwali, magħmula fl-14 ta’ Lulju 1967, kif emendata fit-28 ta’ Settembru 1979, u tista’ tinkludi suġġetti oħra kif iddeterminati bejn il-Partijiet.

5. “proġetti ta’ riċerka konġunta” tfisser riċerka jew żvilupp teknoloġiku li huma implimentati bl-appoġġ finanzjarju jew mingħajru minn Parti waħda jew it-tnejn u li jinvolvu kollaborazzjoni mill-parteċipanti kemm mill-Komunità kif ukoll mill-Afrika t’Isfel u huma iddeżinjati bħala riċerka konġunta, bil-miktub, mill-Partijiet jew l-organizzazzjonijiet xjentifiċi jew teknoloġiċi tagħhom jew aġenziji li qegħdin jimplimentaw il-programmi ta’ riċerka xjentifika. F’każ fejn hemm finanzjament minn Parti waħda biss, id-deżinjazzjoni hija magħmula minn dik il-Parti u l-parteċipant f’dak il-proġett;

6. “materjal nukleari” tfisser kwalunkwe materjal ta’ sors jew materjal fissjonabbli kif inhuma ddefiniti dawk it-termini fl-Artikolu XX tal-Istatut tal-IAEA; Kull deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tal-IAEA fl-ambitu tal-Artikolu XX tal-Istatut tal-IAEA li jemenda l-lista tal-materjali meqjusa bħala “materjal ta’ sors” jew “materjal fissjonabbli speċjali” għandu jkollha effett biss skont dan il-Ftehim meta l-Partijiet ikunu infurmaw lil xulxin bil-miktub li jaċċettaw dik l-emenda.

7. “materjal mhux nukleari” tfisser:

(a) dewterju u ilma tqil (ossidu tad-dewterju) u kwalunkwe kompost tad-dewterju ieħor li fih il-proporzjon tad-dewterju għall-idroġenu jissupera 1:5000, għall-użu f’reattur nukleari, kif iddefinit fil-paragrafu (1.1) tal-Anness B taċ-Ċirkolari ta’ Informazzjoni INFCIRC/254/Rev.10/Parti 1 tal-IAEA,

(b) grafit bi grad nukleari: grafit, għall-użu f’reattur nukleari, kif iddefinit fil-paragrafu (1.1) tal-Anness B taċ-Ċirkolari ta’ Informazzjoni INFCIRC/254/Rev.10/Parti 1 tal-IAEA, li jkollu livell ta’ purità aħjar minn 5 partijiet għal kull miljun ta’ ekwivalent tal-boron u b’densità ogħla minn 1,50 gramma għal kull ċentimetru kubiku.

8. “parteċipant” tfisser kwalunkwe persuna, kwalunkwe istitut tar-riċerka, kwalunkwe entità legali jew ditta jew kwalunkwe korp ieħor b’mod ieħor permess minn kull Parti biex jipparteċipaw f’attivitajiet ta’ kooperazzjoni u/jew proġetti konġunti ta’ riċerka taħt dan il-Ftehim, inklużi l-Partijiet infushom;

9. “persuna” tfisser kwalunkwe persuna naturali, impriża jew entità oħra rregolata mil-liġijiet u r-regolamenti applikabbli fil-ġurisdizzjoni territorjali rispettiva tal-Partijiet iżda ma tinkludix il-Partijiet.

10. “riżultati ta’ attività intellettwali” (results of intellectual activity - RIA) tfisser informazzjoni u/jew proprjetà intellettwali;

11. “Partijiet” tfisser ir-Repubblika tal-Afrika t’Isfel fuq naħa u l-Komunità fuq naħa oħra;

“Komunità” tfisser kemm:

(a) il-persuna ġuridika maħluqa skont it-Trattat Euratom; kif ukoll

(b) it-territorji li għalihom japplika t-Trattat Euratom;

12. “teknoloġija” għandha t-tifsira ddefinita fl-Anness A taċ-Ċirkolari ta’ Informazzjoni INFCIRC/254/Rev.10/Parti 1tal-IAEA.

*Artikolu II*

**Għan**

1. L-għan ta’ dan il-Ftehim huwa li jinkoraġġixxi u jiffaċilita, abbażi ta’ benefiċċju reċiproku, ugwaljanza u reċiproċità, il-kooperazzjoni fl-użi paċifiċi tal-enerġija nukleari bil-għan li tissaħħaħ ir-relazzjoni kooperattiva kumplessiva bejn il-Komunità u l-Afrika t’Isfel, skont il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-programmi nukleari rispettivi tagħhom.

2. Dan il-Ftehim għandu l-għan li jrawwem il-kooperazzjoni xjentifika bejn il-Komunità u l-Afrika t’Isfel, partikolarment biex tiffaċilita l-parteċipazzjoni ta’ entitajiet tar-riċerka tal-Afrika t’Isfel fi proġetti ta’ riċerka mwettqa fil-qafas tal-programmi ta’ riċerka rilevanti tal-Komunità u biex tiżgura parteċipazzjoni reċiproka ta’ entitajiet ta’ riċerka tal-Komunità u l-Istati Membri tagħha fi proġetti tal-Afrika t’Isfel f’oqsma simili ta’ riċerka.

3. Xejn f’dan il-Ftehim ma għandu jiġi interpretat bħala vinkolanti fuq il-partijiet għal kwalunkwe forma ta’ esklussività u kull parti għandha tkun intitolata li twettaq attivitajiet kummerċjali b’mod indipendenti mill-oħra fejn ir-rekwiżiti tas-suq hekk jiddettaw.

*Artikolu III*

**Kamp ta’ applikazzjoni u forom ta’ kooperazzjoni**

1. Materjal nukleari, tagħmir jew materjal mhux nukleari jew materjal nukleari prodott bħala prodott sekondarju għandu jintuża biss għal skopijiet paċifiċi; u ma għandhomx jintużaw għal kwalunkwe strument splużiv nukleari, għal riċerka jew l-iżvilupp ta’ apparat bħal dan, u lanqas għal xi skop militari.

2. Il-kooperazzjoni maħsuba b’dan il-Ftehim hija relatata mal-użi paċifiċi tal-enerġija nukleari u tista’ tinkludi, *inter alia*:

(a) riċerka u żvilupp fil-qasam tal-enerġija nukleari (inklużi t-teknoloġiji tal-fużjoni);

(b) użu ta’ materjali nukleari u teknoloġiji bħala applikazzjonijiet fis-saħħa, fl-agrikoltura;

(c) trasferimenti ta’ materjali nukleari u tagħmir;

(d) sikurezza nukleari, skart radjuattiv u ġestjoni tal-fjuwil użat, dekummissjonar, protezzjoni mir-radjazzjoni inkluża t-tħejjija u r-reazzjoni għall-emerġenza;

(e) salvagwardji nukleari;

(f) oqsma oħra li għandhom jiġu miftiehma mill-Partijiet, safejn dawn huma koperti mill-programmi rispettivi tal-Partijiet.

3. Il-kooperazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu tista' titwettaq fil-forom li ġejjin:

(a) provvista ta' materjali nukleari u mhux nukleari, tagħmir u teknoloġiji relatati;

(b) forniment ta' servizzi taċ-ċiklu tal-fjuwil nukleari;

(c) twaqqif ta' Gruppi ta' Ħidma, jekk meħtieġ, biex jimplimentaw studji u proġetti speċifiċi fil-qasam tar-riċerka xjentifika u l-iżvilupp teknoloġiku;

(d) skambju ta' esperti, informazzjoni xjentifika u teknoloġika, l-organizzazzjoni ta' seminars u konferenzi xjentifiċi, taħriġ ta' persunal amministrattiv, xjentifiku u tekniku;

(e) konsultazzjonijiet fuq kwistjonijiet ta' riċerka u dawk teknoloġiċi u li jwettqu riċerka konġunta taħt programmi miftiehma;

(f) attivitajiet ta' kooperazzjoni fil-promozzjoni tas-sikurezza nukleari; kif ukoll

(g) forom oħra ta' kooperazzjoni kif tistà tiġi determinata mill-Partijiet bil-miktub.

4. Il-kooperazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu tista' sseħħ ukoll bejn persuni u impriżi stabbiliti fit-territorji rispettivi tal-Partijiet.

*Artikolu IV*

**Oġġetti soġġetti għall-Ftehim**

1. Dan il-Ftehim għandu japplika għal materjal nukleari, materjal mhux nukleari jew tagħmir, trasferit bejn il-Partijiet jew il-persuni rispettivi tagħhom, kemm direttament jew permezz ta' pajjiż terz. Tali materjal nukleari, materjal mhux nukleari jew tagħmir għandhom isiru soġġetti għal dan il-Ftehim mad-dħul tagħhom fil-ġurisdizzjoni territorjali tal-Parti li qed tirċievi, bil-kundizzjoni li l-Parti li qed tforni tkun innotifikat lill-Parti li qed tirċievi bil-miktub bit-trasferiment intenzjonat, skont il-proċeduri ddefiniti f'Arranġamenti Amministrattivi, u r-riċevitur propost, jekk dan mhuwiex il-Parti li qed tirċievi, huwa persuna awtorizzata taħt il-ġurisdizzjoni territorjali tal-Parti li qed tirċievi.

2. Il-materjal nukleari, materjal mhux nukleari, jew tagħmir imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jibqgħu soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim sakemm jiġi stabbilit, skont il-proċeduri stabbiliti fl-Arranġamenti Amministrattivi, li:

(a) tali oġġett ikun ġie ttrasferit mill-ġdid lil hinn mill-ġurisdizzjoni territorjali tal-Parti li tirċievi skont id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan il-Ftehim; jew

(b) dak il-materjal nukleari ma jistax jintuża iżjed għall-ebda attività nukleari rilevanti mil-lat tas-salvagwardji msemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu VI ta' dan il-Ftehim jew li prattikament ma jistax jiġi rkuprat; jew

(c) dak it-tagħmir jew materjal mhux nukleari ma jkunux jibqgħu jistgħu jintużaw iżjed għal skopijiet nukleari; jew

(d) il-Partijiet jistabbilixxu flimkien li ma għandux jibqa' iżjed soġġett għal dan il-Ftehim.

3. It-trasferiment tat-teknoloġija għandu jkun soġġett għal dan il-Ftehim għall-Istati Membri tal-Komunità li esprimew ix-xewqa tagħhom li jqiegħdu tali trasferimenti fil-qafas ta' dan il-Ftehim permezz ta' notifika bil-miktub mill-Istat Membru konċernat lill-Kummissjoni Ewropea. Notifika minn qabel bejn l-Istat Membru konċernat/Stati Membri konċernati u l-Kummissjoni Ewropea, minn naħa, u l-Afrika t'Isfel, minn naħa oħra, għandha tingħata qabel kull trasferiment.

*Artikolu V*

**Kummerċ tal-materjal nukleari, materjal mhux nukleari jew tagħmir**

1. Kwalunkwe trasferiment ta' materjal nukleari, materjal mhux nukleari jew tagħmir imwettaq skont l-attivitajiet ta' kooperazzjoni għandu jsir skont l-impenji internazzjonali rilevanti tal-Komunità, l-Istati Membri tal-Komunità u r-Repubblika tal-Afrika t'Isfel fir-rigward ta' użi paċifiċi tal-enerġija nukleari kif elenkati fl-Artikolu VI ta' dan il-Ftehim.

2. Safejn hu prattikabbli, il-Partijiet għandhom jassistu lil xulxin fl-akkwist pubbliku, minn Parti jew l-oħra jew minn persuni fi ħdan il-Komunità jew taħt il-ġurisdizzjoni tar-Repubblika tal-Afrika t'Isfel, ta' materjal nukleari, materjal mhux nukleari jew tagħmir.

3. It-tkomplija tal-kooperazzjoni prevista f'dan il-Ftehim attwali għandha tkun kontinġenti fuq l-applikazzjoni sodisfaċenti b'mod reċiproku tas-sistema għas-salvagwardji u l-kontroll stabbilita mill-Komunità skont it-Trattat Euratom u tas-sistema għas-salvagwardji u l-kontroll ta' materjal nukleari, materjal mhux nukleari jew tagħmir stabbilita mir-Repubblika tal-Afrika t'Isfel.

4. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim ma għandhomx jintużaw biex jostakolaw l-implimentazzjoni tal-prinċipju tal-moviment liberu fis-suq intern fi ħdan l-UE.

5. Trasferimenti ta' materjal nukleari soġġett għal dan il-Ftehim u l-forniment ta' servizzi rilevanti għandhom jitwettqu taħt kundizzjonijiet kummerċjali ġusti u ma għandhomx jipperikolaw l-obbligi internazzjonali tal-Partijiet fl-ambitu tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ. L-implimentazzjoni ta' dan il-paragrafu għandha tkun mingħajr ħsara għat-Trattat Euratom u l-leġiżlazzjoni dderivata minnu, u għal-liġijiet u regolamenti tal-Afrika t'Isfel.

6. Kwalunkwe trasferiment mill-ġdid ta' kwalunkwe materjal nukleari, materjal mhux nukleari, tagħmir jew teknoloġija soġġetti għal dan il-Ftehim barra l-ġurisdizzjoni tal-Partijiet għandhom jitwettqu biss skont il-qafas tal-impenji meħuda mill-Gvernijiet tal-Istati Membri individwali tal-Komunità u r-Repubblika tal-Afrika t'Isfel fi ħdan il-grupp ta'pajjiżi fornituri nukleari magħruf bħala l-Grupp ta' Fornituri Nukleari. B'mod partikolari, il-Linji Gwida għat-Trasferimenti Nukleari, kif stabbiliti fir-Ċirkolari ta' Informazzjoni INFCIRC/254/Rev.10/Parti 1 tal-IAEA, għandhom japplikaw għat-trasferimenti mill-ġdid ta' kwalunkwe materjal nukleari, materjal mhux nukleari, tagħmir jew teknoloġija soġġetti għal dan il-Ftehim.

7. Fejn il-Linji Gwida għal Trasferimenti Nukleari msemmija fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu jesiġu l-kunsens tal-Parti li qed tforni għat-trasferiment mill-ġdid, tali kunsens għandu jinkiseb bil-miktub qabel kwalunkwe trasferiment mill-ġdid lejn pajjiż li ma jidhirx fil-lista ta' pajjiżi terzi tal-Parti li qed tforni stabbilita skont il-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu.

8. Mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet għandhom jiskambjaw il-listi ta' pajjiżi terzi li lejhom it-trasferimenti mill-ġdid, skont il-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu, huma awtorizzati mingħajr il-ħtieġa li jiksbu awtorizzazzjoni minn qabel mill-Parti fornitriċi. Kull Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra dwar it-tibdiliet fil-lista tagħha ta' pajjiżi terzi.

*Artikolu VI*

**Kundizzjonijiet li japplikaw għall-materjal nukleari soġġett għall-Ftehim**

1. Materjal nukleari soġġett għal dan il-ftehim għandu jkun soġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) Fil-Komunità, għas-salvagwardji tal-Euratom skont it-Trattat tal-Euratom u għas-salvagwardji tal-IAEA skont il-ftehimiet ta' salvagwardja li ġejjin, kif rilevanti, u kif jistgħu jiġu riveduti u mibdula, sakemm tkun ipprovduta kopertura kif meħtieġa mit-Trattat ta' Nonproliferazzjoni għal:

(i) il-Ftehim bejn l-Istati Membri tal-Komunità mingħajr armi nukleari, il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Atomika, li daħal fis-seħħ fil-21 ta' Frar 1977 (ippubblikat bħala INFCIRC/193);

(ii) il-Ftehim bejn Franza, il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika u l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika li daħal fis-seħħ fit-12 ta' Settembru 1981 (ippubblikat bħala INFCIRC/290);

(iii) il-Ftehim bejn ir-Renju Unit, il-Komunità Ewropea għall-Eneriġija Atomika u l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika li daħal fis-seħħ fl-14 ta' Awwissu 1978 (ippubblikat bħala INFCIRC/263);

(iv) il-Protokolli Addizzjonali ffirmati fit-22 ta' Settembru 1998 li daħlu fis-seħħ fit-30 ta' April 2004 abbażi tad-dokument ippubblikat bħala INFCIRC/540 tal-IAEA (Sistema Msaħħa tas-Salvagwardji, il-Parti II);

(b) Fl-Afrika t'Isfel, għas-salvagwardji tal-IAEA skont il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Afrika t'Isfel u l-IAEA għall-Applikazzjoni ta' Salvagwardji b'konnessjoni mat-Trattat dwar in-Non-Proliferazzjoni tal-Armi Nukleari, li kien iffirmat u li daħal fis-seħħ fis-16 ta' Settembru 1991 u li ġie ippubblikat bħala INFCIRC/394, supplimentat mill-Protokoll Addizzjonali, li kien iffirmat u daħal fis-seħħ fit-13 ta' Settembru 2002, u Trattat ta' Żona Afrikana Ħielsa mill-Armi Nukleari li kienet iffirmat fil-11 ta' April 1996 u daħal fis-seħħ fil-15 ta' Lulju 2009.

2. F'każ li tiġi sospiża jew imwaqqfa l-applikazzjoni ta' kwalunkwe Ftehim mal-IAEA msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, għal kwalunkwe raġuni, fi ħdan il-Komunità jew l-Afrika t'Isfel, il-Parti rilevanti għandha tidħol fi ftehim mal-IAEA li jipprovdi għal effikaċja u kopertura ekwivalenti għal dawk previsti fil-ftehimiet ta' salvagwardji msemmija fid-dispożizzjonijiet a) jew b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, jew, jekk dak ma jkunx possibbli,

(a) il-Komunità, safejn tkun ikkonċernata, għandha tapplika salvagwardji bbażati fuq is-sistema ta' salvagwardji tal-Euratom, li tipprevedi effikaċja u kopertura ekwivalenti għal dawk previsti fil-ftehimiet ta' salvagwardji msemmija fid-dispożizzjoni a) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jew, jekk dak ma jkunx possibbli;

(b) il-Partijiet għandhom jidħlu f'arranġamenti għall-applikazzjoni ta' salvagwardji li jipprovdu għal effikaċja u kopertura ekwivalenti għal dawk previsti fil-ftehimiet ta' salvagwardji msemmija fid-dispożizzjonijiet a) jew b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. L-applikazzjoni ta' miżuri ta' protezzjoni fiżika għandha tkun, f'kull ħin, f'livelli li jissodisfaw tal-anqas il-kriterji stipulati fl-Anness C taċ-Ċirkolari ta' Informazzjoni INFCIRC/254/Rev.10/Parti 1 tal-IAEA; supplimentari għal dan id-dokument, l-Istati Membri tal-Komunità, il-Kummissjoni Ewropea, kif xieraq, u l-Afrika t'Isfel se jirreferu, meta japplikaw il-miżuri għall-protezzjoni fiżika, għall-obbligi tagħhom taħt il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni Fiżika ta' Materjal Nukleari magħmula fit-3 ta' Marzu 1980, inklużi kwalunkwe emendi li huma fis-seħħ għal kull Parti u r-rakkomandazzjonijiet fir-Rakkomandazzjonijiet ta' Sigurtà Nukleari dwar il-Protezzjoni Fiżika tal-Materjal Nukleari u ta' Faċilitajiet Nukleari (INFCIRC/225/Reviżjoni 5), Serje dwar is-Sikurezza Nukleari tal-IAEA Serje Nru. 13. It-trasport internazzjonali se jkun soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Protezzjoni Fiżika tal-Materjal Nukleari magħmula fit-3 ta' Marzu 1980, inkluża kwalunkwe emenda li hija fis-seħħ għal kull Parti, u għar-Regolamenti tal-IAEA għat-Trasport Sikur tal-Materjali Radjuattivi (Serje ta' Standards tas-Sikurezza tal-IAEA Nru TS-R-1).

4. Is-sikurezza nukleari u l-ġestjoni tal-iskart nukleari għandhom ikunu soġġetti għall-Konvenzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari (Ċirkolari ta' Informazzjoni tal-IAEA INFCIRC 449), il-Konvenzjoni Konġunta dwar is-Sikurezza tal-Ġestjoni tal-Fjuwil Nukleari Użat u dwar is-Sikurezza tal-Ġestjoni tal-Iskart Radjuattiv (Ċirkolari tal-Informazzjoni tal-IAEA INFCIRC/546), il-Konvenzjoni dwar l-Assistenza fil-każ ta' Inċident Nukleari jew Emerġenza Radjoloġika (Ċirkolari ta' Informazzjoni tal-IAEA INFCIRC/336), u l-Konvenzjoni dwar in-Notifikazzjoni Bikrija ta' Inċident Nukleari (Ċirkolari ta' Informazzjoni tal-IAEA INFCIRC/335).

*Artikolu VII*

**Skambju ta' informazzjoni u proprjetà intellettwali**

L-użu u d-diffużjoni ta' informazzjoni u drittijiet tal-proprjetà intellettwali, li jinkludu l-proprjetà industrijali, privattivi u drittijiet tal-awtur, u teknoloġija trasferita skont l-attivitajiet ta' kooperazzjoni taħt dan il-Ftehim għandhom ikunu skont id-dispożizzjonijiet fl-Anness ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu VIII*

**Implimentazzjoni tal-Ftehim**

1. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim għandhom jiġu implimentati bona fede b'tali mod li jevita t-tfixkil, dewmien jew interferenzi żejda fl-attivitajiet nukleari fl-Afrika t'Isfel u fil-Komunità u sabiex ikunu konsistenti mal-prattiki ta' ġestjoni prudenti meħtieġa għall-kondotta ekonomika u sikura ta' attivitajiet nukleari.

2. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim ma għandhomx jintużaw bil-għan li jinkisbu vantaġġi kummerċjali jew industrijali, u lanqas bl-għan li jkun hemm indħil fl-interessi industrijali u kummerċjali, kemm domestiċi kif ukoll internazzjonali, ta' kwalunkwe Parti jew persuni awtorizzati, jew għal xi ndħil fil-politika nukleari ta' kwalunkwe Parti jew tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Komunità, lanqas biex ifixklu l-promozzjoni tal-użi paċifiċi u mhux splużivi tal-enerġija nukleari, lanqas biex ifixklu l-moviment ta' oġġetti soġġetti jew notifikati li għandhom isiru soġġetti għal dan il-Ftehim kemm jekk fi ħdan il-ġurisdizzjoni territorjali rispettiva tal-Partijiet u kif ukoll jekk bejn l-Afrika t'Isfel u l-Komunità.

3. Materjal nukleari soġġett għal dan il-Ftehim għandu jiġi ttrattat skont il-prinċipji tal-proporzjonalità, funġibilità u l-ekwivalenza ta' materjali nukleari.

4. Kwalunkwe emenda għad-dokumenti ppubblikati mill-IAEA msemmija fl-Artikoli I, V jew VI ta' dan il-Ftehim għandha jkollha effett skont dan il-Ftehim biss meta l-Partijiet ikunu infurmaw lil xulxin bil-miktub permezz ta' kanali diplomatiċi li huma jaċċettaw tali emenda.

*Artikolu IX*

**Arranġamenti Amministrattivi**

1. L-awtoritajiet kompetenti taż-żewġ Partijiet għandhom jistabbilixxu Arranġamenti Amministrattivi sabiex jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

2. Tali Arranġamenti Amministrattivi jistgħu, *inter alia*, ikopru dispożizzjonijiet finanzjarji, l-assenjazzjoni ta' responsabbiltajiet ta' ġestjoni u dispożizzjonijiet ddettaljati dwar id-disseminazzjoni tal-informazzjoni u d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

3. Arranġamenti Amministrattivi stabbiliti skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jistgħu jiġu emendati kif determinat b'mod reċiproku bil-miktub mill-awtoritajiet kompetenti.

*Artikolu X*

**Liġi applikabbli**

Il-kooperazzjoni prevista f'dan il-Ftehim għandha tkun skont il-liġijiet u r-regolamenti fis-seħħ fl-Afrika t'Isfel u fi ħdan l-Unjoni Ewropea kif ukoll skont il-ftehimiet internazzjonali li l-Partijiet daħlu fihom. Fil-każ tal-Komunità, il-liġi applikabbli tinkludi t-Trattat Euratom u l-leġiżlazzjoni dderivata minnu.

*Artikolu XI*

**Nuqqas ta' konformità**

1. Jekk kwalunkwe Parti jew Stat Membru tal-Komunità tikser jew jikser kwalunkwe dispożizzjoni materjali ta' dan il-Ftehim, il-Parti l-oħra tista' tissospendi jew twaqqaf, permezz ta' notifika bil-miktub, il-kooperazzjoni skont dan il-Ftehim.

2. Qabel ma waħda mill-Partijiet tieħu azzjoni f'dak is-sens, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin bil-għan li jieħdu deċiżjoni dwar jekk humiex meħtieġa miżuri korrettivi, u jekk ikun hekk, il-miżuri korrettivi li għandhom jittieħdu u ż-żmien li fih għandhom jittieħdu tali miżuri. Tali azzjoni għandha tittieħed biss f'każ li ma jittieħdux miżuri deċiżi fiż-żmien deċiż mill-Partijiet jew, f'każ li ma tinstabx soluzzjoni wara l-iskadenza ta' perjodu ta' żmien iddefinit mill-Partijiet.

3. It-tmiem ta' dan il-Ftehim ma għandux jaffettwa l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe arranġament u/jew kuntratt, magħmula matul il-perjodu tal-validità tiegħu iżda li għadhom ma ġewx ikkompletati sad-data tat-tmiem tiegħu, sakemm ma jiġix miftiehem mod ieħor mill-Partijiet.

*Artikolu XII*

**Konsultazzjoni u soluzzjoni ta' tilwim**

1. Fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, rappreżentanti tal-Partijiet għandhom jiltaqgħu meta jkun meħtieġ sabiex jikkonsultaw ma' xulxin dwar kwistjonijiet li jitqajmu mill-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim, sabiex jissorveljaw it-tħaddim tiegħu u jiddiskutu arranġamenti addizzjonali għal dawk previsti f'dan il-Ftehim. Tali konsultazzjonijiet jistgħu jieħdu l-għamla wkoll ta' skambju ta' korrispondenza.

2. Kull tilwim li jinqala' mill-interpretazzjoni, l-applikazzjoni jew l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim li ma jiġix solvut permezz ta' negozjati jew kif miftiehem b'mod ieħor bejn il-Partijiet għandu, fuq it-talba ta' waħda mill-Partijiet, jiġi ppreżentat quddiem tribunal tal-arbitraġġ li għandu jkun magħmul minn tliet arbitri. Kull Parti għandha taħtar arbitru wieħed u ż-żewġ arbitri hekk maħtura għandhom jeleġġu t-tielet wieħed, li ma jkunx ċittadin ta' wieħed mill-Partijiet u li għandu jkun il-President. Jekk fi żmien tletin jum mit-talba għall-arbitraġġ,

kwalunkwe Parti tkun għadha ma ħatritx arbitru, il-Parti l-oħra tista' titlob lill-President tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja jinnomina arbitru lill-Parti li ma tkunx ħatret wieħed. Jekk fi żmien tletin jum mill-ħatra jew nomina tal-arbitri għaż-żewġ Partijiet, it-tielet arbitru ma jkunx ġie elett, waħda mill-Partijiet tista' titlob lill-President tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja biex jinnomina t-tielet arbitru. Maġġoranza tal-membri tat-tribunal tal-arbitraġġ għandhom jikkostitwixxu kworum, u d-deċiżjonijiet kollha għandhom isiru b'maġġoranza ta' voti tal-membri kollha tat-tribunal tal-arbitraġġ. Il-proċedura arbitrali għandha tkun fissa mit-tribunal. Id-deċiżjonijiet tat-tribunal għandhom ikunu vinkolanti fuq iż-żewġ Partijiet u għandhom ikunu implimentati minnhom. Ir-rimunerazzjoni tal-arbitri għandha tkunu stabbilita fuq l-istess bażi ta' dik ta' mħallfin ad hoc tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja.

3. Għall-fini ta' soluzzjoni tat-tilwim, għandha tintuża l-verżjoni bl-Ingliż ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu XIII*

**Dispożizzjonijiet kumplimentari**

1. Dan il-Ftehim huwa mingħajr ħsara għad-dritt tal-Istati Membri li jikkonkludu ftehimiet bilaterali mal-Afrika t'Isfel, filwaqt li jirrispetta l-kompetenzi tal-Istati Membri fuq naħa waħda u tal-Komunità fuq l-oħra, u safejn tali ftehimiet bilaterali huma kompletament konformi mal-għanijiet u t-termini ta' dan il-Ftehim. Ftehimiet bilaterali konklużi minn ċerti Stati Membri qabel id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bejn il-Komunità u l-Afrika t'Isfel jistgħu jibqgħu japplikaw.

2. Dispożizzjonijiet biex jiġu artikolati dawk il-ftehimiet u dan il-Ftehim għandhom jiġu pproġettati fejn xieraq, skont il-kompetenzi rispettivi tal-Partijiet, u soġġetti għall-ftehim tal-partijiet ikkonċernati.

*Artikolu XIV*

**Emendi u status tal-Anness**

1. Fuq it-talba ta' waħda mill-Partijiet, il-Partijiet jistgħu jikkonsultaw lil xulxin dwar emendi possibbli għal dan il-Ftehim, b'mod partikolari biex iqisu l-iżviluppi internazzjonali fil-qasam tas-salvagwardji nukleari.

2. Dan il-Ftehim jista' jkun emendat jekk il-Partijiet jaqblu hekk.

3. Kwalunkwe emenda għandha tidħol fis-seħħ fid-data li l-Partijiet jispeċifikaw, bi skambju bejniethom ta' noti diplomatiċi, għad-dħul tagħha fis-seħħ.

4. L-Anness għal dan il-Ftehim jifforma parti integrali minn dan il-Ftehim u jista' jiġi emendat skont il-paragrafi 1 sa 3 ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu XV*

**Dħul fis-seħħ u perjodu ta' validità**

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-aħħar notifika bil-miktub li l-proċeduri interni meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu tlestew mill-Partijiet.

2. Dan il-Ftehim għandu jibqa' fis-seħħ għal perjodu ta' għaxar snin. Sussegwentement, dan il-Ftehim għandu jiġġedded awtomatikament għal perjodi addizzjonali ta' ħames snin, sakemm, mill-inqas sitt xhur qabel l-iskadenza ta' tali perjodu addizzjonali, Parti ma tinnotifikax lill-Parti l-oħra dwar l-intenzjoni tagħha li ttemm dan il-Ftehim.

3. Minkejja s-sospensjoni, it-tmiem jew l-iskadenza ta' dan il-Ftehim jew ta' kwalunkwe kooperazzjoni hawn taħt għal kwalunkwe raġuni, l-obbligi fl-Artikoli III, IV, V, VI, VII, VIII, IX u X ta' dan il-Ftehim għandhom jibqgħu validi sakemm kwalunkwe materjal nukleari, materjal mhux nukleari jew tagħmir soġġett għal dawn l-Artikoli jibqa' fit-territorju tal-Parti l-oħra jew taħt il-ġurisdizzjoni jew kontroll tagħha fi kwalunkwe post jew sakemm jiġi stabbilit skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu IV ta' dan il-Ftehim li tali materjal nukleari ma jistax jintuża aktar, jew ma jistax jiġi rkuprat għall-ipproċessar f'forma li tista' tintuża, għal kwalunkwe attività nukleari rilevanti mil-lat tas-salvagwardji.

Magħmul fi Pretoria, fit-tmintax-il jum ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax, f'żewġ kopji bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bl-Ispanjol, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bl-Olandiż, bit-Taljan, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Isvediż, u bl-Ungeriż, fejn kull test huwa ugwalment awtentiku.

B'XHIEDA TA' DAN, is-sottoskritti, awtorizzati kif xieraq għal dan, iffirmaw il-Ftehim preżenti.

| *Għall-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika* | *Għall-Gvern tar-Repubblika tal-Afrika t'Isfel* |
|---|---|
| Andris PIEBALGS | Ben MARTINS |

*ANNESS*

**Prinċipji ta' gwida dwar l-allokazzjoni ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali li jirriżultaw minn attivitajiet konġunti ta' riċerka fi ħdan il-Ftehim għall-Kooperazzjoni fil-użi paċifċi tal-enerġija nukleari**

I. SJIEDA, ALLOKAZZJONI U EŻERĊITAR TAD-DRITTIJIET

1. Dan l-Anness għandu japplika għal attivitajiet ta' kooperazzjoni skont dan il-Ftehim sakemm mhux miftiehem mod ieħor mill-Partijiet. Il-parteċipanti għandhom jiżviluppaw b'mod konġunt pjanijiet ta' ġestjoni tat-teknoloġija (technology management plans - TMPs) dwar is-sjieda u l-użu, inkluża l-pubblikazzjoni, ta' informazzjoni u proprjetà intellettwali li jkollha tinħoloq waqt attivitajiet ta' kooperazzjoni. Dawk it-TMPs se jiġu approvati mill-Partijiet qabel il-konklużjoni ta' kwalunkwe kuntratt speċifiku ta' kooperazzjoni f'Riċerka u Żvilupp li jirreferu għalihom.

   It-TMPs għandhom ikunu żviluppati billi jitqiesu l-għanijiet tal-attivitajiet ta' kooperazzjoni, il-kontribuzzjonijiet relattivi tal-parteċipanti, il-pekuljaretajiet tal-ħruġ tal-liċenzji skont it-territorju jew għal qasam speċifiku ta' użu, ir-rekwiżiti imposti bil-liġijiet applikabbli u fatturi oħra li l-parteċipanti jqisu bħala xierqa. Id-drittijiet u l-obbligi li jikkonċernaw ir-riċerka ġġenerata mir-riċerkaturi li jagħmlu ż-żjarat taħt dan il-Ftehim fir-rigward tal-RIA se jkunu indirizzati ukoll fit-TMPs konġunti.

2. L-RIA maħluqa matul l-attivitajiet ta' kooperazzjoni u mhux indirizzati fit-TMP għandhom jiġu allokati, bl-approvazzjoni tal-Partijiet, skont il-prinċipji stipulati fit-TMP. F'kaz ta' nuqqas ta' qbil, ikun hemm sjieda konġunta ta' tali RIA mill-parteċipanti kollha involuti fir-riċerka konġunta minn fejn jirriżultaw l-RIA. Kull parteċipant li tapplika għalih din id-disposizzjoni jkollu d-dritt li juża tali RIA għall-isfruttament kummerċjali tagħhom mingħajr limitazzjoni ġeografika.

3. Kull Parti trid tiżgura li l-Parti l-oħra u l-parteċipanti tagħha jkollhom id-drittijiet għall-RIA allokati lilhom skont dawn il-prinċipji.

4. Filwaqt li jinżammu l-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni fiż-żoni affettwati minn dan il-Ftehim, kull Parti għandha tiżgura li id-drittijiet miksuba skont dan il-Ftehim u l-arranġamenti li saru skont dan huma eżerċitati b'tali mod li jinkoraġġixxu b'mod partikolari:

   (i) id-disseminazzjoni u l-użu tal-informazzjoni maħluqa, żvelata legalment, jew li saret disponibbli legalment b'mod ieħor, skont dan il-Ftehim;

   (ii) l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' livelli tekniċi internazzjonali.

II. XOGĦLIJIET B'DRITTIJIET TAL-AWTUR

Skont dan il-Ftehim, id-dritt tal-awtur tal-Partijiet jew tal-parteċipanti tagħhom jingħata trattament konsistenti mal-Konvenzjoni ta' Berne għall-protezzjoni ta' xogħol letterarju u artistiku (Att ta' Pariġi 1971).

III. XOGĦLIJIET LETTERARJI XJENTIFIĊI

Mingħajr ħsara għat-Taqsima IV ta' dan l-Anness, sakemm mhux miftiehem mod ieħor fit-TMP il-pubblikazzjoni tar-riżultati tar-riċerka jsiru b'mod konġunt mill-Partijiet jew parteċipanti ta' dawk l-attivitajiet ta' kooperazzjoni. Soġġett għal din ir-regola ġenerali, għandhom japplikaw l-proċeduri li ġejjin:

(a) fil-każ ta' pubblikazzjoni minn Parti jew parteċipanti oħra tagħha, ta' ġurnali, artikli, rapporti, kotba xjentifiċi jew tekniċi inklużi vidjows u softwer, tar-riżultati li jirriżultaw mill-attivitajiet ta' kooperazzjoni skont dan il-Ftehim, il-Parti l-oħra jew il-parteċipanti l-oħra tagħha jkunu intitolati għal liċenzja dinjija, mhux esklussiva, irrevokabbli u bla ħlas għad-drittijiet biex jittraduċu, jipproduċu, jadattaw, jittrasmettu u jiddistribwixxu pubblikament xogħlijiet bħal dawn;

(b) il-Partijiet għandhom jiżguraw li xogħlijiet letterarji ta' natura xjentifika li jirriżultaw minn attivitajiet ta' kooperazzjoni skont dan il-Ftehim u ppubblikati minn pubblikaturi indipendenti għandhom jiġu ddisseminati bl-aktar mod mifrux possibbli;

(c) il-kopji kollha ta' xogħol b'dritt tal-awtur li se jkun distribwit pubblikament u mħejji skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim għadhom jindikaw l-ismijiet jew il-psewdonimi tal-awtur(i) tax-xogħol sakemm l-awtur jew l-awturi ma jaċċettax/jaċċettawx li jissemma/jissemmew. Il-kopji għandhom ikollhom rikonixximent ċar u viżibbli tas-sostenn kooperattiv tal-Partijiet u/jew ir-rappreżentanti u/jew l-organizzazzjonijiet tagħhom.

IV. INFORMAZZJONI MHUX ŻVELATA

1. Informazzjoni dokumentarja mhux żvelata

   (a) Kull Parti jew il-parteċipanti tagħha, kif xieraq, għandhom jidentifikaw, mill-aktar fis possibli u preferibbilment fit-TMP, l-informazzjoni li tixtieq li ma tiġix żvelata fir-rigward ta' dan il-Ftehim, filwaqt li jitqiesu, *inter alia*, il-kriterji li ġejjin:

— is-segretezza tal-informazzjoni fis-sens li din ma tkunx, fl-intier tagħha jew fil-konfigurazzjoni preċiża jew kombinazzjoni tal-komponenti tagħha, ġeneralment magħrufa fost l-esperti f'dak il-qasam jew tkun aċċessibbli, fil-pront, għalihom b'mezzi leċiti,

— il-valur kummerċjali attwali jew potenzjali tal-informazzjoni bis-saħħa tas-segretezza tagħha,

— protezzjoni preċedenti tal-informazzjoni fis-sens li kienet soġġetta għal modi li kienu raġonevoli taħt iċ-ċirkostanzi mill-persuna li legalment għandha l-kontroll li żżomm s-segretezza tagħha.

Il-Partijiet u l-parteċipanti tagħhom jistgħu, f'ċerti każijiet, jiftiehmu, li sakemm mhux indikat mod ieħor, partijiet mill-informazzjoni jew l-informazzjoni kollha pprovduta, skambjata jew maħluqa matul l-attivitajiet ta' kooperazzjoni skont il-Ftehim ma għandhomx jiġu żvelati.

(b) Kull Parti għandha tiżgura li l-informazzjoni mhux żvelata taħt dan il-Ftehim u n-natura privileġġata tagħha tingħaraf mal-ewwel, b'tali mod, mill-Parti l-oħra, pereżempju bl-għajnuna ta' sinjal xieraq jew tifsira ristrettiva. Dan japplika ukoll għal kwalunke riproduzzjoni tat-tali informazzjoni, kollha kemm hi jew parti minnha;

Parti li tirċievi informazzjoni mhux żvelata skont dan il-Ftehim għandha tirrispetta n-natura privileġġata tagħha. Dawn il-limitazzjonijiet jintemmu awtomatikament meta din l-informazzjoni tiġi żvelata mis-sid mingħajr restrizzjonijiet lill-esperti fil-qasam;

(c) Informazzjoni mhux żvelata kkomunikata taħt dan il-Ftehim tista' tiġi ddisseminata mill-Parti li qed tirċievi, lil persuni fi ħdan il-Parti li qed tirċievi jew impjegati minnha, u dipartimenti jew aġenziji oħra kkonċernati fil-Parti li qed tirċievi awtorizzati għall-finijiet speċifiċi tal-attivitajiet ta' kooperazzjoni li jkunu qed jitwettqu, bil-kundizzjoni li kwalunkwe informazzjoni mhux żvelata ddiseminata b'dan il-mod tkun skont ftehim ta' kunfidenzjalità u tkun rikonoxxibbli fil-pront bħala tali, kif stipulat hawn fuq;

(d) bil-kunsens minn qabel bil-miktub tal-Parti li qed tipprovdi informazzjoni mhux żvelata skont dan il-Ftehim, il-Parti li qed tirċievi tista' xxerred tali informazzjoni mhux żvelata b'mod aktar wiesa' milli kieku permess fil-paragrafu (c). Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fl-iżvilupp ta' proċeduri għat-talba jew kisba ta' kunsens minn qabel bil-miktub għal tali disseminazzjoni usa', u kull Parti għandha tagħti tali approvazzjoni sal-limitu permissibbli skont il-politiki, regolamenti u l-liġijiet domestiċi tagħha.

2. Informazzjoni mhux dokumentarja mhux żvelata

Informazzjoni mhux dokumentarja mhux żvelata jew informazzjoni oħra kunfidenzali jew privileġġjata pprovvduta f'seminars u laqgħat oħra arranġati taħt dan il-Ftehim, jew informazzjoni li rriżultat mis-sekondar tal-persunal, l-użu tal-faċilitajiet, jew proġetti konġunti, se tkun trattata mill-Partijiet jew il-parteċipanti tagħhom skont il-prinċipji speċifikati għall-informazzjoni dokumentarja f'dan l-Anness, bil-kundizzjoni, madankollu, li r-riċevitur ta' tali informazzjoni mhux żvelata jew kunfidenzjali jew privileġġjata ikun konxju tan-natura kunfidenzali tal-informazzjoni kkommunikata fil-mument li saret tali komunikazzjoni.

3. Kontroll

Kull Parti għandha tipprova tiżgura li informazzjoni mhux żvelata li tirċievi skont dan il-Ftehim għandha tiġi kkontrollata kif previst hawnhekk. Jekk waħda mill-Partijiet issir konxja li hija mistennija, jew hija raġonevolment mistennija, li ma tkunx tista' tissodisfa d-dispożizzjonijiet dwar il-projbizzjoni tad-disseminazzjoni fil-paragrafi 1 u 2, din għandha tinforma l-Parti l-oħra minnufih. Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin biex jiddeterminaw kif għandhom jipproċedu.

V. ELEMENTI INDIKATTIVI TAL-PJAN DWAR IL-ĠESTJONI TAT-TEKNOLOĠIJA (TMP)

It-TMP huwa ftehim speċifiku li għandu jkun konkluż bejn il-parteċipanti dwar l-implimentazzjoni ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni u d-drittijiet u l-obbligi rispettivi tal-parteċipanti. Fir-rigward tal-RIA, it-TMP għandu normalment jindirizza, *inter alia*: is-sjieda, il-protezzjoni, id-drittijiet tal-utenti għall-finijiet ta' R & Ż, l-isfruttar u d-disseminazzjoni, inklużi l-arranġamenti għal pubblikazzjoni konġunta, id-drittijiet u l-obbligi ta' riċerkaturi viżitanti u l-proċeduri tas-soluzzjoni tat-tilwim. It-TMP jista' wkoll tindirizza l-informazzjoni ġdida u dik fl-isfond, l-għoti ta' liċenzji u r-riżultati tanġibbli.

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 733/2013

**tat-22 ta' Lulju 2013**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 994/98 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 92 u 93 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għal ċertu kategoriji ta' għajnuna mill-Istat orizzontali**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 109 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 994/98 [1] jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tiddikjara permezz ta' regolamenti li ċerti kategoriji speċifikati ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern u huma eżentati mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

(2) L-għajnuna mill-Istat hija kunċett objettiv iddefinit fl-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Is-setgħa tal-Kummissjoni li tadotta eżenzjonijiet ta' kategoriji kif previst fir-Regolament (KE) Nru 994/98 tapplika biss għal miżuri li jissodisfaw il-kriterji kollha tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE u għaldaqstant jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat. L-inklużjoni ta' ċerta kategorija ta' għajnuna fir-Regolament (KE) Nru 994/98 jew f'regolament ta' eżenzjoni ma jiddeterminax minn qabel il-kwalifika ta' miżura bħala għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 994/98 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tiddikjara li f'ċerti kundizzjonijiet għajnuna lil impriżi ta' daqs żgħir u medju ("SMEs"), għajnuna favur ir-riċerka u l-iżvilupp, għajnuna favur il-protezzjoni tal-ambjent, għajnuna għall-impjiegi u t-taħriġ, u għajnuna konformi mal-mappa approvata mill-Kummissjoni għal kull Stat Membru għall-għoti ta' għajnuna reġjonali, hija kompatibbli mas-suq intern u mhux soġġetta għar-rekwiżit tan-notifika.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 994/98 jawtorizza lill-Kummissjoni sabiex teżenta għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp, iżda mhux għall-innovazzjoni. Minn dakinhar l-innovazzjoni saret prijorità fil-politika tal-Unjoni fil-kuntest ta' "Unjoni tal-Innovazzjoni", bħala waħda mill-inizjattivi ewlenin ta' Ewropa 2020. Barra minn hekk, ħafna miżuri ta' għajnuna għall-innovazzjoni huma relattivament żgħar u ma joħolqux distorsjonijiet sinifikanti tal-kompetizzjoni.

(5) Fis-settur tal-konservazzjoni tal-kultura u l-patrimonju, għadd ta' miżuri meħudin mill-Istati Membri jistgħu ma jikkostitwixxux għajnuna għax ma jissodisfawx il-kriterji kollha tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, pereżempju għaliex il-benefiċjarju ma jwettaqx attività ekonomika jew għaliex m'hemm l-ebda effett fuq kummerċ bejn l-Istati Membri. Madankollu, sal-punt li l-miżuri fil-qasam tal-konservazzjoni tal-kultura u l-patrimonju jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, l-Istati Membri bħalissa huma meħtieġa li jinnotifikawhom lill-Kummissjoni. Ir-Regolament (KE) Nru 994/98 jawtorizza lill-Kummissjoni li teżenta l-għajnuna mogħtija lill-SMEs, iżda tali eżenzjoni tkun ta' użu limitat fis-settur kulturali, billi r-riċevituri ħafna drabi jkunu kumpanniji kbar. Madankollu, il-proġetti ż-żgħar tal-kultura, il-ħolqien u l-konservazzjoni tal-patrimonju, anki jekk isiru minn kumpanniji kbar, ġeneralment ma jwasslux għal distorsjoni sinifikanti, u każijiet reċenti wrew li tali għajnuna għandha effetti limitati fuq il-kummerċ.

(6) Jistgħu jitfasslu eżenzjonijiet fis-settur tal-konservazzjoni tal-kultura u l-patrimonju abbażi tal-esperjenza tal-Kummissjoni kif stipulata fil-linji gwida, bħal fil-każ ta' xogħlijiet ċinematografiċi u awdjoviżivi, jew jiġu żviluppati każ b'każ. Meta tabbozza tali eżenzjonijiet ta' kategoriji, il-Kummissjoni tieħu kont li dawn għandhom ikopru biss miżuri li jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat, li fil-prinċipju għandhom jiffokaw fuq miżuri li jikkontribwixxu għall-objettivi tal-"Modernizzazzjoni tal-Għajnuna mill-Istat tal-UE(SAM)", u li hija biss għajnuna li tiġi eżentata bħala kategorija li fir-rigward tagħha l-Kummissjoni għandha esperjenza sostanzjali. Barra minn hekk, għandu jittieħed kont tal-kompetenza primarja tal-Istati Membri fil-qasam tal-kultura, il-protezzjoni speċjali li għandha d-diversità kulturali skont l-Artikolu 167(1) tat-TFUE u tan-natura speċjali tal-kultura.

[1] ĠU L 142, 14.5.1998, p. 1.

(7) L-Istati Membri huma mitlubin ukoll li jinnotifikaw lill-Kummissjoni, il-miżuri tal-għajnuna mill-Istat biex isewwu l-ħsara kkawżata mid-diżastri naturali. L-ammonti mogħtija f'dan il-qasam ġeneralment ikunu limitati u jistgħu jiġu definiti kundizzjonijiet ċari ta' kompatibbiltà. Ir-Regolament (KE) Nru 994/98 jawtorizza lill-Kummissjoni li teżenta tali għajnuna mir-rekwiżit ta' notifika, biss jekk din tingħata lill-SMEs. Madankollu, anki kumpanniji kbar jistgħu jintlaqtu mid-diżastri naturali. Mill-esperjenza tal-Kummissjoni, għajnuna bħal din ma tikkawżax distorsjoni sinifikanti u, abbażi tal-esperjenza miksuba, jistgħu jiġu definiti kundizzjonijiet ċari ta' kompatibbiltà.

(8) L-Istati Membri huma mitluba wkoll li jinnotifikaw lill-Kummissjoni, il-miżuri ta' għajnuna mill-Istat biex tissewwa l-ħsara kkawżata minn ċerti kundizzjonijiet ħżiena tat-temp fis-sajd. L-ammonti mogħtija f'dan il-qasam ġeneralment huma limitati u jistgħu jiġu definiti kundizzjonijiet ċari ta' kompatibbiltà. Ir-Regolament (KE) Nru 994/98 jawtorizza lill-Kummissjoni li teżenta tali għajnuna mir-rekwiżit ta' notifika, biss jekk din tingħata lill-SMEs. Madankollu, anki kumpanniji kbar jistgħu jintlaqtu minn kundizzjonijiet ħżiena tat-temp fis-sajd. Mill-esperjenza tal-Kummissjoni, għajnuna bħal din ma tikkawżax distorsjoni sinifikanti u, abbażi tal-esperjenza miksuba, jistgħu jiġu definiti kundizzjonijiet ċari ta' kompatibbiltà.

(9) Skont l-Artikolu 42 tat-TFUE, ir-regoli dwar l-għajnuna Statli ma japplikawx taħt ċerti kundizzjonijiet għal ċerti miżuri ta' għajnuna favur il-prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I tat-TFUE. L-Artikolu 42 ma japplikax għall-forestrija jew għall-prodotti li mhumiex elenkati fl-Anness I. Għaldaqstant, bħalissa, permezz tar-Regolament (KE) Nru 994/98, l-għajnuna għall-forestrija u għall-promozzjoni ta' prodotti fis-settur tal-ikel li mhumiex elenkati fl-Anness I fis-settur tal-ikel, tista' tiġi eżentata biss jekk tkun limitata għall-SMEs. Il-Kummissjoni għandha tkun tista' teżenta ċerti tipi ta' għajnuna għall-forestrija, inkluż għajnuna li tinsab fil-programmi ta' żvilupp rurali u wkoll dik favur il-promozzjoni u r-reklamar ta' prodotti fis-settur tal-ikel li mhumiex elenkati fl-Anness I meta, skont l-esperjenza tal-Kummissjoni, id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni jkunu limitati u meta jkunu jistgħu jiġu definiti kundizzjonijiet ċari ta' kompatibbiltà.

(10) Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill tas-27 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd ([1]), l-Artikoli 107, 108 u 109 tat-TFUE japplikaw għall-għajnuna mogħtija mill-Istati Membri lill-intrapriżi fis-settur tas-sajd, ħlief għall-pagamenti li jsiru mill-Istati Membri skont, u f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1198/2006. Għajnuna mill-Istat addizzjonali għall-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi marittimi u tal-ilma ħelu ġeneralment ikollha effetti limitati fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tikkontribwixxi għall-objettivi tal-Unjoni fil-qasam tal-politika marittima u tas-sajd u ma tikkawżax distorsjonijiet serji fil-kompetizzjoni. L-ammonti mogħtija ġeneralment ikunu limitati u jistgħu jiġu definiti kundizzjonijiet ċari ta' kompatibbiltà.

(11) Fis-settur tal-isport, b'mod partikolari fil-qasam tal-isport tad-dilettanti, għadd ta' miżuri meħudin mill-Istati Membri jistgħu ma jikkostitwixxux għajnuna għax ma jissodisfawx il-kriterji kollha tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, pereżempju għaliex il-benefiċjarju ma jwettaqx attività ekonomika, jew għaliex m'hemm l-ebda effett fuq kummerċ bejn l-Istati Membri. Madankollu, sal-punt li l-miżuri fil-qasam tal-isport ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat, fit-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, l-Istati Membri bħalissa huma meħtieġa li jinnotifikawhom lill-Kummissjoni. Il-miżuri ta' għajnuna mill-Istat għall-isport b'mod partikolari dawk fil-qasam tal-isport tad-dilettanti jew dawk li huma ta' skala żgħira, ħafna drabi għandhom effetti limitati fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri u ma joħolqux distorsjonijiet serji tal-kompetizzjoni. L-ammonti mogħtija ġeneralment huma wkoll limitati. Abbażi tal-esperjenza miksuba jistgħu jiġu definiti kundizzjonijiet ċari ta' kompatibbiltà, biex b'hekk jiġi żgurat li l-għajnuna għall-isport ma tikkawżax distorsjoni sinifikanti.

(12) Fir-rigward tal-għajnuna għat-trasport bl-ajru u dak marittimu, mill-esperjenza tal-Kummissjoni, l-għajnuna li għandha natura soċjali għat-trasport ta' residenti ta' reġjuni mbiegħda bħal reġjuni u gżejjer l-aktar imbiegħda, inklużi reġjuni Stati Membri gżejjer uniċi u żoni b'popolazzjoni baxxa, ma tikkawżax distorsjoni sinifikanti sakemm din tingħata mingħajr diskriminazzjoni fir-rigward tal-identità ta' min iġorr. Barra minn hekk, jistgħu jiġu definiti kundizzjonijiet ċari ta' kompatibbiltà.

(13) Fil-qasam tal-għajnuna għall-infrastruttura tal-broadband, reċentement il-Kummissjoni kisbet esperjenza wiesgħa u fasslet linji gwida ([2]). Fl-esperjenza tal-Kummissjoni, għajnuna għal ċerti tipi ta' infrastruttura tal-broadband ma tikkawża l-ebda distorsjoni sinfikanti u tista' tibbenefika minn eżenzjoni ta' kategorija, sakemm jintlaħqu ċerti kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà u sakemm l-infrastruttura tiġi implimentata f'"żoni bojod", li huma żoni fejn m'hemm l-ebda infrastruttura tal-istess kategorija (sew broadband jew aċċess tal-ġenerazzjoni li jmiss b'veloċità għolja ħafna, "NGA") u fejn x'aktarx xejn mhu ser jiġi żviluppat fil-futur qrib, kif jidher fil-kriterji żviluppati fil-linji gwida. Dan huwa minnu għall-għajnuna li tkopri l-forniment ta' broadband bażiku, kif ukoll għall-għajnuna

([1]) ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1.

([2]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni - Linji Gwida tal-UE għall-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat b'rabta mal-implimentazzjoni rapida tan-networks tal-broadband (GU C 25, 26.1.2013, p. 1).

lil miżuri individwali żgħar li tkopri netwerks ta'NGA, u għall-għajnuna lil xogħlijiet ta' inġinerija ċivili relatati mal-broadband u l-infrastruttura tal-broadband passiva.

(14) Fir-rigward tal-infrastruttura, għadd ta' miżuri meħudin mill-Istati Membri jistgħu ma jikkostitwixxux għajnuna għax ma jissodisfawx il-kriterji kollha tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, pereżempju għaliex il-benefiċjarju ma jwettaqx attività ekonomika, għaliex m'hemm l-ebda effett fuq kummerċ bejn l-Istati Membri, jew għaliex il-miżura tikkonsisti minn kumpens għal servizz ta' interess ekomomiku ġenerali li jissodisfa l-kriterji kollha tal-każistika *Altmark* ([1]). Madankollu, sal-punt li l-finanzjament ta' infrastrutturi jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, fit-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, l-Istati Membri huma obbligati li jinnotifikawh lill-Kummissjoni. Fir-rigward tal-infrastruttura, ammonti żgħar ta' għajnuna għal proġetti ta' infrastruttura jistgħu jkunu mod effiċjenti kif wieħed jappoġġa objettivi tal-Unjoni sal-punt li l-għajnuna timminimizza l-ispejjeż u d-distorsjoni potenzjali tal-kompetizzjoni tkun limitata. Għalhekk il-Kummissjoni għandha tkun fil-pożizzjoni li teżenta l-għajnuna mill-Istat għal proġetti ta' infrastruttura li jappoġġaw l-objettivi msemmijin f'dan ir-Regolament u jappoġġaw objettivi oħra ta' interess komuni, b'mod partikolari l-objettivi ta' Ewropa 2020 ([2]). Dan jista' jinkludi appoġġ għal proġetti li jinvolvu netwerks b'diversi setturi jew faċilitajiet fejn hija neċessarja għajnuna relattivament żgħira. Madankollu, eżenzjonijiet ta' kategorija jistgħu jingħataw biss għal proġetti ta' infrastruttura fejn il-Kummissjoni jkollha biżżejjed esperjenza biex tiddefinixxi kriterji ta' kompatibbiltà ċari u stretti waqt li tiżgura li r-riskju ta' distorsjoni potenzjali jkun limitat u li ammonti kbar jibqgħu soġġetti għal notifika skont l-Artikolu 108(3) tat-TFUE.

(15) Għalhekk, il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 994/98 għandu jiġi estiż biex jinkludi kategoriji ta' għajnuna ġodda. Din l-inklużjoni ma taffettwax il-kwalifika ta' miżura bħala għajnuna mill-Istat fil-kategoriji jew setturi fejn l-Istati Membri jkunu diġà attivi.

(16) Ir-Regolament (KE) Nru 994/98 jirrikjedi li l-limiti għal kull kategorija ta' għajnuna, li fir-rigward tagħha l-Kummissjoni tadotta regolament dwar eżenzjoni ta' kategorija jiġu espressi jew f'termini ta' intensitajiet ta' għajnuna fir-rigward ta' sett ta' spejjeż eliġibbli jew f'termini ta' ammonti massimi ta' għajnuna. Din il-kundizzjoni tagħmilha diffiċli biex jiġu eżentati kategoriji ta' ċerti tipi ta' miżuri li jinvolvu l-għajnuna mill-Istat li, minħabba l-mod speċifiku li bih huma mfassla, ma jistgħux ikunu espressi preċiżament f'termini tal-intensitajiet ta' għajnuna jew ammonti massimi ta' għajnuna; bħal strumenti ta' inġinerija finanzjarja jew ċerti forom ta' miżuri li huma mmirati biex jippromwovu l-investimenti ta' kapital ta' riskju. Dan partikolarment minħabba li miżuri kumplessi bħal dawn jistgħu jinvolvu għajnuna f'livelli differenti: (benefiċjarji differenti, benefiċjarji intermedjarji u benefiċjarji indiretti). Meta titqies l-importanza li dejjem qed tikber ta' miżuri bħal dawn u l-kontribut tagħhom għall-objettivi tal-Unjoni, għandu jkun hemm aktar flessibilità biex ikun possibbli li jiġu eżentati. Għalhekk għandu jkun possibbli, fil-każ ta' tali miżuri, li jiġu definiti l-limiti għal għotja partikolari ta' għajnuna f'termini tal-livell massimu ta' appoġġ mill-Istat fi jew relatat ma' dik il-miżura. Il-livell massimu ta' appoġġ mill-Istat jista' jkun magħmul minn element ta' appoġġ, li jista' ma jkunx għajnuna mill-Istat, sakemm il-miżura tinkludi mill-inqas xi elementi li fihom għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE u li mhumiex marġinali.

(17) Ir-Regolament (KE) Nru 994/98 jesiġi li l-Istati Membri jipprovdu sommarji ta' informazzjoni rigward l-għajnuna li tiġi implimentata minnhom, li tkun koperta minn regolament ta' eżenzjoni. Il-pubblikazzjoni ta' dawk is-sommarji hija neċessarja biex tiġi żgurata t-trasparenza tal-miżuri adottati mill-Istati Membri. Il-pubblikazzjoni tagħhom f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* kien l-aktar mezz effettiv biex tiġi żgurata t-trasparenza fiż-żmien meta r-Regolament (KE) Nru 994/98 ġie adottat. Madankollu, fid-dawl tal-evoluzzjoni tal-midja elettronika ta' komunikazzjoni, il-pubblikazzjoni tas-sommarji fuq is-sit web tal-Kummissjoni hija metodu aktar veloċi u aktar effettiv, bi trasparenza miżjuda għall-benefiċċju tal-partijiet interessati. Għaldaqstant, minflok ma jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali, dawk is-sommarji għandhom ikunu ppubblikati fuq is-sit web tal-Kummissjoni.

(18) Bl-istess mod, abbozzi ta' regolamenti u dokumenti oħra li jridu jiġu eżaminati mill-Kumitat Konsultattiv dwar l-Għajnuna mill-Istat skont ir-Regolament (KE) Nru 994/98 għandhom ikunu ppubblikati fuq is-sit web tal-Kummissjoni, minflok f'*Il-Ġurnal Uffiċjali*, sabiex tiġi żgurata aktar trasparenza u biex jitnaqqas il-piż amministrattiv u d-dewmien fil-pubblikazzjoni.

(19) Il-proċedura ta' konsultazzjoni stabbilita fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 994/98 tipprevedi li l-Kumitat Konsultattiv dwar Għajnuna mill-Istat għandu jkun ikkonsultat qabel il-pubblikazzjoni ta' abbozz ta' regolament. Madankollu, fl-interess ta' trasparenza akbar, l-abbozz ta' regolament għandu jiġi ppubblikat fuq is-sit web tal-Kummissjoni fl-istess ħin li fih il-Kummissjoni tikkonsulta mal-Kumitat Konsultattiv għall-ewwel darba.

(20) Ir-Regolament (KE) Nru 994/98 għandu għalhekk jiġi emendat kif jixraq,

---

([1]) Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Lulju 2003 fil-Kawża C-280/00, Altmark Trans GmbH u Regierungspräsidium Magdeburg vs Nahverkehrsgesellschaft Altmark GmbH ([2003] Ġabra I-7747).

([2]) Ara r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2010/410/UE tat-13 ta' Lulju 2010 dwar linji gwida ġenerali għall-politika ekonomika tal-Istati Membri u tal-Unjoni (ĠU L 191, 23.7.2010, p. 28) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/707/UE tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjieg (ĠU L 308, 24.11.2010, p. 46).

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 994/98 jiġi emendat kif ġej:

(1) It-titolu tar-Regolament jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 994/98 tas-7 ta' Mejju 1998 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal ċertu kategoriji ta' għajnuna mill-Istat orizzontali"

(2) L-Artikolu 1 jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 (a) jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) għajnuna favur:

(i) intrapriżi żgħar u ta' daqs medju;

(ii) riċerka, żvilupp u innovazzjoni;

(iii) ħarsien tal-ambjent;

(iv) impjieg u taħriġ;

(v) konservazzjoni tal-kultura u l-patrimonju;

(vi) tiswija tal-ħsara kkawżata minn diżastri naturali;

(vii) it-tiswija tal-ħsara kkawżata minn ċerti kundizzjonijiet ħżiena ta' temp fis-sajd;

(viii) forestrija;

(ix) promozzjoni ta' prodotti tas-settur tal-ikel li mhumiex elenkati fl-Anness I tat-TFUE;

(x) konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi marittimi u tal-ilma ħelu;

(xi) sport;

(xii) residenti ta' reġjuni mbiegħda, għat-trasport, meta din l-għajnuna jkollha karattru soċjali u tingħata mingħajr diskriminazzjoni relata mal-identità ta' min iġorr;

(xiii) l-infrastruttura tal-broadband bażika, miżuri ta' infrastruttura żgħar individwali li jkopru netwerks ta' aċċess tal-ġenerazzjoni li jmiss, xogħlijiet tal-inġinerija ċivili relatati mal-broadband u infrastruttura tal-broadband passiva, f'żoni fejn jew ma hemmx tali infrastruttura jew fejn mhux probabbli li tiġi żviluppata tali infrastruttura fil-futur qrib;

(xiv) infrastruttura b'appoġġ tal-objettivi elenkati f'(i) sa (xiii) u fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu u b'appoġġ għal objettivi oħra ta' interess komuni, b'mod partikolari l-objettivi ta' Ewropa 2020.".

(b) il-paragrafu (2)(c) jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(c) limiti espressi f'termini ta' intensitajiet ta' għajnuna fir-rigward ta' sett ta' spejjeż eliġibbli jew f'termini ta' ammonti massimi ta' għajnuna jew, għal ċerti tipi ta' għajnuna fejn tista' tkun diffiċli li tiġi identifikata l-intensità tal-għajnuna jew l-ammont preċiż tal-għajnuna, b'mod partikolari strumenti ta' inġinerija finanzjarja jew investimenti ta' kapital ta' riskju jew dawk ta' natura simili, f'termini ta' livell massimu ta' appoġġ mill-Istat f'dik il-miżura jew relatat magħha, mingħajr preġudizzju għall-kwalifikazzjoni tal-miżuri kkonċernati fid-dawl tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE;"

(3) L-Artikolu 3(2) jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"2. Meta jiġu implimentati sistemi ta' għajnuna jew għajnuna individwali li ngħataw barra mill-qafas ta' sistema, li jkunu ġew eżentati skont ir-regolamenti msemmijin fl-Artikolu 1(1), l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni, bil-għan li jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-Kummissjoni, sommarji tal-informazzjoni dwar tali sistemi ta' għajnuna jew tali għajnuna individwali li mhumiex koperti missistemi ta' għajnuna eżentati."

(4) L-Artikolu 8 jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 (a) jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) fl-istess waqt li jiġi ppubblikat kwalunkwe abbozz ta' Regolament skont l-Artikolu 6;";

(b) fil-paragrafu 2, it-tieni sentenza tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"L-abbozzi u d-dokumenti li għandhom ikunu eżaminati għandhom jiġu annessi man-notifika u jistgħu jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-Kummissjoni.".

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Lulju 2013.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. ASHTON

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 734/2013

## tat-22 ta' Lulju 2013

## li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 109 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Fil-kuntest ta' modernizzazzjoni profonda tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat li jikkontribwixxu kemm għall-implimentazzjoni tal-istrateġija Ewropa 2020 għat-tkabbir ([1]) u għall-konsolidament baġitarju, l-Artikolu 107 tat-Trattat għandhom jiġu applikati effettivament u b'mod uniformi madwar l-Unjoni. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 ([2]) ikkodifika u saħħaħ il-prattika preċedenti tal-Kummissjoni li tiżdied iċ-ċertezza legali u li jiġi appoġġat l-iżvilupp tal-politika dwar l-għajnuna mill-Istat f'ambjent trasparenti. Madankollu, fid-dawl tal-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tiegħu u tal-iżviluppi reċenti bħalma huma t-tkabbir u l-kriżi ekonomika u finanzjarja, ċerti aspetti ta' dak ir-Regolament għandhom ikunu emendati biex jippermettu lill-Kummissjoni tkun aktar effettiva.

(2) Sabiex tevalwa l-kompatibbiltà mas-suq intern ta' kwalunkwe notifikata jew għajnuna illegali mill-Istat, li għalihom il-Kummissjoni għandha l-kompetenza esklussiva taħt l-Artikolu 108 tat-TFUE, huwa xieraq li jiġi żgurat li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa, għall-finijiet tal-infurzar tar-regoli għall-għajnuna mill-Istat, li titlob l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar is-suq minn kwalunkwe Stat Membru, impriża jew assoċjazzjoni ta' impriżi jew kull meta dan ikollu dubji dwar il-kompatibbiltà tal-miżura kkonċernata mar-regoli tal-Unjoni u għalhekk bdiet il-proċedura ta' investigazzjoni formali. B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tuża din is-setgħa f'każijiet li fihom jidher li tkun meħtieġa valutazzjoni sostantiva kumplessa. Fid-deċiżjoni dwar jekk tużax din is-setgħa, il-Kummissjoni għandha tqis kif xieraq it-tul talinvestigazzjoni preliminari.

(3) Għall-iskop tal-valutazzjoni tal-kompatibbiltà ta' miżura ta' għajnuna wara l-bidu tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, b'mod partikolari fir-rigward każijiet teknikament kumplessi soġġetti għal evalwazzjoni sostantiva, il-Kummissjoni għandha tkun tista', permezz ta' talba sempliċi jew ta' deċiżjoni, li teħtieġ li kwalunkwe Stat Membru, impriża jew assoċjazzjoni ta' impriżi jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar is-suq biex titlesta l-valutazzjoni tagħha, jekk l-informazzjoni mogħtija mill-Istat Membru kkonċernat matul l-investigazzjoni preliminari ma tkunx biżżejjed, filwaqt li tieħu kont dovut talprinċipju tal-proporzjonalità, partikolarment għall-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju.

(4) Fid-dawl tar-relazzjoni speċjali bejn il-benefiċjarji tal-għajnuna u l-Istat Membru kkonċernat, il-Kummissjoni għandha tkun tista' titlob informazzjoni minn benefiċjarju tal-għajnuna bi qbil mal-Istat Membru kkonċernat. L-għoti ta' informazzjoni mill-benefiċjarju tal-miżura ta' għajnuna inkwistjoni ma tikkostitwixxix bażi legali għal negozjati bilaterali bejn il-Kummissjoni u l-benefiċjarju inkwistjoni.

(5) Il-Kummissjoni għandha tagħżel id-destinatarji ta' talbiet għal informazzjoni abbażi ta' kriterji oġġettivi adatti għal kull każ, filwaqt li tiżgura li, meta t-talba tiġi indirizzata lil kampjun ta' impriżi jew assoċjazzjonijiet tagħhom, l-kampjun ta' dawk li wieġbu huwa rappreżentattiv. L-informazzjoni mfittxija għandha tikkonsisti, b'mod partikolari, minn data fattwali dwar kumpanniji u s-suq u analiżi bbażata fuq il-fatti ta' kif jaħdem is-suq.

(6) Il-Kummissjoni, bħala dik li bdiet il-proċedura, għandha tkun responsabbli għall-verifika kemm tat-trażmissjoni mill-impriżi jew assoċjazzjonijiet ta' u l-kunfidenzjalità allegata tal-informazzjoni li għandha tiġi ddivulgata.

([1]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni, *Ewropa 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv*, 3.3.2010, COM(2010) 2020 final.

([2]) ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1.

(7) Il-Kummissjoni għandha tkun kapaċi tinfurza l-osservanza ma' talbiet għal informazzjoni li tindirizza lil kull impriża jew assoċjazzjoni ta' impriżi, kif xieraq, permezz ta' multi u ħlasijiet perjodiċi ta' penalitajiet proporzjonati. Fl-iffissar tal-ammonti ta' multi u ħlas perjodiku ta' penalitajiet, il-Kummissjoni għandha tqis debitament il-prinċipji ta' proporzjonalità u adegwatezza, b'mod partikolari fir-rigward ta' impriżi żgħar u ta' daqs medju. Id-drittijiet tal-partijiet mitluba biex jipprovdu informazzjoni għandhom ikunu salvagwardjati billi tingħatalhom l-opportunità li jagħmlu l-fehmiet tagħhom magħrufa qabel kwalunkwe deċiżjoni li timponi multi jew ħlasijiet perjodiċi ta' penalitajiet. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandu jkollha ġurisdizzjoni illimitata fir-rigward ta' tali multi u penalitajiet perjodiċi skont l-Artikolu 261 tat-TFUE.

(8) B'kont debitu meħud tal-prinċipji ta' proporzjonalità u adegwatezza, il-Kummissjoni għandha tkun tista' tnaqqas il-pagamenti perjodiċi ta' penalitajiet jew tneħħihom kompletament, meta d-destinatarji tat-talbiet jagħtu l-informazzjoni mitluba, anki jekk dan isir wara li jiskadi t-terminu.

(9) Multi u pagamenti perjodiċi ta' penalitajiet mhumiex applikabbli għall-Istati Membri billi huma fid-dmir li jikkooperaw b'mod sinċier mal-Kummissjoni skont l-Artikolu 4 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), u li jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni kollha rikjesta sabiex jippermettulha twettaq id-dmirijiet tagħha skont ir-Regolament (KE) Nru 659/1999.

(10) Sabiex jitħarsu d-drittijiet ta' difiża tal-Istat Membru kkonċernat, għandha tingħata kopji tat-talbiet għal informazzjoni li ntbagħtu lil Stati Membri oħrajn, impriżi jew assoċjazzjonijiet ta' impriżi u tkun tista' tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha dwar il-kummenti li waslu. Għandha wkoll tiġi mgħarrfa dwar l-ismijiet tal-impriżi u l-assoċjazzjonijiet ta' impriżi mitlubin, sal-punt li dawn l-entitajiet ma jkunux urew interess leġittimu fil-protezzjoni tal-identità tagħhom.

(11) Il-Kummissjoni għandha tqis debitament l-interessi leġittimi tal-impriżi li s-sigrieti kummerċjali tagħhom ikunu protetti. Hija ma għandhiex tkun tista' tuża informazzjoni kunfidenzjali fornuta minn dawk li wieġbu, li ma jistgħux jiġu aggregati jew inkella jiġu anonimizzati, f'kull deċiżjoni sakemm qabel miksub il-kunsens tagħhom biex jiżvelaw dik l-informazzjoni lill-Istat Membru kkonċernat.

(12) F'każijiet fejn informazzjoni mmarkata bħala kunfidenzjali ma jidhirx li tkun koperta b'obbligi ta' segretezza professjonali, huwa xieraq li jiġi stabbilit mekkaniżmu li permezz tiegħu l-Kummissjoni tista' tiddeċiedi sa fejn tali informazzjoni tista' tiġi żvelata. Kwalunkwe tali deċiżjoni li li tiġi rifjutata pretensjoni li l-informazzjoni hija kunfidenzjali għandha tindika perjodu li fit-tmiem tiegħu l-informazzjoni tkun żvelata, biex b'hekk il-konvenut ikun jista' jagħmel użu minn kwalunkwe protezzjoni ġudizzjarja disponibbli għalih, inkluż kwalunkwe miżura interim.

(13) Il-Kummissjoni għandha tkun tista', fuq inizjattiva tagħha stess, teżamina informazzjoni dwar għajnuna illegali, sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-Artikolu 108 tat-TFUE, u b'mod partikolari mal-obbligu ta' notifika u klawżola ta' sospensjoni stabbilita fl-Artikolu 108(3) tat-TFUE, u li tivvaluta l-kumpatibbiltà ta' għajnuna mas-suq intern. F'dak il-kuntest, l-ilmenti huma sors essenzjali ta' informazzjoni biex jinkixef ksur ta' regoli tal-għajnuna mill-Istat tal-Unjoni.

(14) Biex ittejjeb il-kwalità tal-ilmenti ppreżentati lill-Kummissjoni u fl-istess ħin tiżdied it-trasparenza u ċ-ċertezza legali, huwa xieraq li jiġu ddefiniti l-kundizzjonijiet li ilment għandu jissodisfa biex il-Kummissjoni tkun fil-pussess ta' informazzjoni rigward għajnuna allegatament illegali u biex tniedi l-eżami preliminari. Is-sottomissjonijiet li ma jissodisfawx dawk il-kundizzjonijiet ser jiġu ttrattati bħala informazzjoni ġenerali dwar is-suq, u m'għandhomx bilfors iwasslu għal investigazzjonijiet ex officio.

(15) Dawk li jkollhom ilmenti għandhom ikunu obbligati li juru li huma partijiet interessati fis-sens tal-Artikolu 108(2) TFUE u tal-Artikolu 1(h) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999. Għandhom ukoll ikunu obbligati li jipprovdu ċertu ammont ta' informazzjoni f'forma li biha l-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa sabiex tiddefinixxi f'dispożizzjoni implimentattiva. Sabiex dawk li prospettivament jkollhom ilmenti ma jiġux skoraġġuti, dik id-dispożizzjoni ta' implimentazzjoni għandha tqis li t-talbiet fuq il-partijiet interessati biex jagħmlu ilment m'għandhomx ikunu ta' piż kbir.

(16) Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, huwa xieraq li jiġu stabbiliti perjodi ta' limitazzjoni għall-impożizzjoni u l-infurzar ta' multi u ħlas perjodiku ta' penalitajiet.

(17) Sabiex jiġi żgurat li l-Kummissjoni tindirizza kwistjonijiet simili b'mod konsistenti fis-suq intern kollu, huwa xieraq li jiġu kkompletati s-setgħat eżistenti tal-Kummissjoni billi tiġi introdotta bażi legali speċifika sabiex tniedi investigazzjonijiet f'setturi tal-ekonomija jew f'ċerti strumenti ta' għajnuna f'diversi Stati Membri. Għal raġunijiet ta' proporzjonalità u fid-dawl tal-piż amministrattiv kbir li jitolbu investigazzjonijiet bħal dawn, inkjesti dwar is-settur għandhom isiru biss meta l-informazzjoni disponibbli tissostanzja suspett raġonevoli li miżuri ta' għajnuna mill-Istat f'settur partikolari jistgħu jirrestrinġu jew ixekklu b'mod materjali l-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern f'diversi Stati Membri, jew li l-miżuri ta' għajnuna mill-Istat f'settur partikolari f'diversi Stati Membri mhumiex, jew m'għadhomx, kumpatibbli mas-suq intern. Inkjesti bħal dawn jippermettu lill-Kummissjoni tittratta b'mod effiċjenti u trasparenti kwistjonijiet ta' għajnuna mill-Istat orizzontali u tikseb ħarsa ġenerali ex ante tas-settur ikkonċernat.

(18) Il-konsistenza fl-applikazzjoni tal-liġijiet tal-kompetizzjoni tirrikjedi ukoll li jiġu stabbiliti arranġamenti għall-kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri u l-Kummissjoni. Kooperazzjoni bħal din hija rilevanti għal qrati kollha tal-Istati Membri li japplikaw l-Artikolu 107(1) u l-Artikolu 108 tat-TFUE. B'mod partikolari, qrati nazzjonali għandhom ikunu jistgħu jistaqsu għall-informazzjoni lill-Kummissjoni jew għall-opinjoni fuq il-punti kkonċernati tal-applikazzjoni tar-regoli tal-għajnuna mill-Istat. Il-Kummissjoni għandha wkoll tkun tista' tissottometti l-osservazzjonijiet bil-miktub jew oralment lill-qrati li huma msejħa biex japplikaw l-Artikolu 107(1) jew l-Artikolu 108 tat-TFUE. Meta tassisti lill-qrati nazzjonali f'dan l-aspett, il-Kummissjoni taġixxi skont id-dmir tagħha li tiddefendi l-interess pubbliku.

(19) Dawk l–osservazzjonijiet u opinjonijiet tal-Kummissjoni għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 267 tat-TFUE u ma għandhomx jorbtu b'mod legali lill-qrati nazzjonali. Dawn għandhom jiġu ppreżentati fi ħdan struttura ta' regoli u prattiċi ta' proċedura nazzjonali inkluż dawk li jissalvagwardjaw id-drittijiet tal-partijiet, b'rispett sħiħ tal-indipendenza tal-qrati nazzjonali. Osservazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni fuq l-inizjattiva tagħha stess għandhom jiġu limitati għal każijiet li huma importanti għall-applikazzjoni koerenti tal-Artikolu 107(1) jew l-Artikolu 108 tat-TFUE, b'mod partikolari għal każijiet li huma sinifikanti għall-infurzar jew l-iżvilupp ulterjuri tal-każistika tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat).

(20) Fl-interess tat-trasparenza u ċ-ċertezza legali, informazzjoni dwar deċiżjonijiet tal-Kummissjoni għandha ssir pubblika. Huwa għalhekk xieraq li jiġu ppubblikati deċiżjonijiet li jimponu multi jew ħlasijiet perjodiċi ta' penalitajiet, minħabba li dawn jaffettwaw l-interessi tas-sorsi kkonċernati. Il-Kummissjoni, meta tkun qiegħda tagħti informazzjoni pubblika dwar id-deċiżjonijiet tagħha, għandha tirrispetta r-regoli tas-segretezza professjonali, inkluż il-protezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali u d-data personali kollha, f'konformità mal-Artikolu 339 tat-TFUE.

(21) Il-Kummissjoni, f'relazzjoni mill-qrib mal-Kumitat Konsultattiv dwar Għajnuna mill-Istat, għandha tkun tista' tadotta dispożizzjonijiet implimentattivi li jistabbilixxu regoli dettaljati li jirrigwardaw il-forma, il-kontenut u kriterji oħra tal-ilmenti ppreżentati skont lir-Regolament (KE) Nru 659/1999.

(22) Ir-Regolament (KE) Nru 659/1999 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 659/1999 għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) It-titolu tar-Regolament jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"**REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 659/1999 TAT-22 TA' MARZU 1999 LI JIPPRESKRIVI REGOLI DETTALJATI GĦALL-APPLIKAZZJONI TAL-ARTIKOLU 108 TAT-TRATTAT DWAR IL-FUNZJONAMENT TAL-UNJONI EWROPEA**";

(2) It-titolu tar-Artikolu 5 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

**"Talba għal informazzjoni magħmula lill-Istat Membru li jinnotifika";**

(3) L-Artikoli li ġejjin jiddaħħlu:

"*Artikolu 6a*

**Talba għal informazzjoni li ssir lil sorsi oħra**

1. Wara l-bidu tal-proċedura ta' investigazzjoni formali stipulata fl-Artikolu 6, b'mod partikolari fir-rigward ta' każijiet teknikament kumplessi soġġetti għal valutazzjoni sostantiva, il-Kummissjoni tista', jekk l-informazzjoni mogħtija minn Stat Membru kkonċernat matul investigazzjoni preliminari ma tkunx suffiċjenti, titlob kwalunkwe Stat Membru ieħor, impriża jew assoċjazzjoni ta' impriżi ieħor jipprovdu l-informazzjoni kollha neċessarja dwar is-suq biex il-Kummissjoni tkun tista' tlesti l-valutazzjoni tagħha dwar il-miżura inkwistjoni b'kont meħud kif xieraq tal-prinċipju ta' proporzjonalità, b'mod partikolari għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

2. Il-Kummissjoni tista' titlob informazzjoni:

(a) jekk hija limitata għal proċeduri ta' investigazzjoni formali li ġew identifikati mill-Kummissjoni bħala ineffettivi s'issa; u

(b) sa fejn huma kkonċernati l-benefiċjarji tal-għajnuna, jekk l-Istat Membru kkonċernat jaqbel mat-talba.

3. L-impriżi jew assoċjazzjonijiet ta' impriżi li jagħtu informazzjoni wara talba tal-Kummissjoni għal informazzjoni dwar is-suq abbażi tal-paragrafi 6 u 7 għandhom jagħtu t-tweġiba tagħhom simultanjament lill-Kummissjoni u lill-Istat Membru kkonċernat, sal-punt li d-dokumenti mogħtija ma jinkludu informazzjoni li hija kunfidenzjali rigward dak l-Istat Membru.

Il-Kummissjoni għandha tmexxi u tissorvelja t-trażmissjoni ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, l-impriżi jew l-assoċjazzjonijiet ta' impriżi kkonċernati, u tivverifika l-kunfidenzjalità allegata tal-informazzjoni trażmessa.

4. Il-Kummissjoni għandha titlob informazzjoni li hija disponibbli għal Istat Membru, impriża jew assoċjazzjoni ta' impriżi kkonċernati mit-talba.

5. L-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni abbażi ta' talba sempliċi u f'limitu ta' żmien preskritt mill-Kummissjoni li normalment ma għandux jaqbeż xahar. Meta Stat Membru ma jagħtix l-informazzjoni mitluba f'dak il-perjodu jew jagħti informazzjoni mhux sħiħa, il-Kummissjoni għandha tibgħat tfakkira.

6. Il-Kummissjoni tista', b'talba sempliċi, tobbliga impriża jew assoċjazzjoni ta' impriżi biex jipprovdu informazzjoni. Meta l-Kummissjoni tibgħat talba sempliċi għal informazzjoni lil impriża jew assoċjazzjoni ta' impriżi, għandha tiddikjara l-bażi legali u l-ambitu tat-talba, tispeċifika liema informazzjoni hija rikjesta u tippreskrivi skadenza proporzjonata li fiha l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta. Hija għandha tirreferi wkoll għall-multi stipulati fl-Artikolu 6b(1) għal provvista ta' informazzjoni inkorretta jew qarrieqa.

7. Il-Kummissjoni tista', b'deċiżjoni, tobbliga impriża jew assoċjazzjoni ta' impriżi biex jipprovdu informazzjoni. Meta l-Kummissjoni, b'deċiżjoni titlob li impriża jew assoċjazzjoni ta' impriżi jagħtu informazzjoni, hija għandha tindika l-bażi legali, ir-raġunitat-talbatispeċifika liema informazzjoni hija meħtieġa u tippreskrivi perjodu ta' żmien proporzjonat li fih għandha tkun mogħtija l-informazzjoni. Hi għandha tindika wkoll il-multi stipulati fl-Artikolu 6b(1) u tindika jew timponi l-ħlas tal-penalitajiet perjodiċi stipulati fl-Artikolu 6b(2). Barra dan, għandha tindika d-dritt ta' impriża jew assoċjazzjoni ta' impriżi li d-deċiżjoni tiġi riveduta mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

8. Meta toħroġ talba taħt il-paragrafu 1 jew 6, jew meta tadotta deċiżjoni taħt il-paragrafu 7, il-Kummissjoni għandha simultanjament tipprovdi lill-Istat Membru kkonċernat kopja tagħha. Il-Kummissjoni għandha tindika l-kriterji li skonthom għażlet ir-reċipjenti tat-talba jew deċiżjoni.

9. Il-proprjetarji tal-impriżi jew ir-rappreżentanti tagħhom, jew fil-każ ta' persuni legali, kumpanniji, ditti, jew assoċjazzjonijiet li ma għandhom personalità ġuridika, il-persuni awtorizzati mil-liġi jew mill-kostituzzjoni tagħhom biex jirrappreżentawhom, għandhom jagħtu l-informazzjoni mitluba jew rikjesta. Persuni li huma debitament awtorizzati sabiex jaġixxu f'isem il-klijenti tagħhom, jistgħu jagħtu din l-informazzjoni f'isem il-klijenti tagħhom. Dawn tal-aħħar, madankollu, għandhom jibqgħu kompletament responsabbli jekk l-informazzjoni mogħtija ma tkunx korretta, ma tkunx kompleta, jew tkun qarrieqa.

*Artikolu 6b*

**Multi u ħlasijiet perjodiċi ta' penalitajiet**

1. Il-Kummissjoni tista', jekk meqjus neċessarju u proporzjonat, timponi fuq l-impriża u l-assoċjazzjonijiet tal-impriżi multi li ma jeċċedux aktar minn 1 % tal-valur totali tal-bejgħ fis-sena kummerċjali preċedenti fejn huma, intenzjonalment jew b'mod negligenti:

(a) jipprovdu informazzjoni żbaljata jew qarrieqa fi tweġiba għal talba magħmula skont l-Artikolu 6a(6);

(b) jipprovdu informazzjoni żbaljata, mhux sħiħa jew qarrieqa fi tweġiba għal deċiżjoni adottata skont l-Artikolu 6a(7), jew ma jipprovdux l-informazzjoni fil-limitu ta' żmien preskritt.

2. Il-Kummissjoni tista', b'deċiżjoni, timponi fuq impriżi jew assoċjazzjonijiet ta' impriżi pagamenti perjodiċi ta' penalitajiet fejn impriża jew assoċjazzjoni ta' impriżi ma jirnexxielhomx jagħtu informazzjoni sħiħa jew korretta kif mitlub mill-Kummissjoni b'deċiżjoni adottata skont l-Artikolu 6a(7).

Il-pagamenti perjodiċi ta' penalitajiet m'għandhomx jaqbżu l-5 % tal-fatturat medju ta' kuljum tal-impriża jew assoċjazzjoni fis-sena ta' negozju preċedenti għal kull jum ta' dewmien, ikkalkulati mid-data stabbilita fid-deċiżjoni, sakemm tforni informazzjoni sħiħa u korretta kif mitlub jew rikjest mill-Kummissjoni.

3. Meta jkun qiegħed jiġi ffissat l-ammont tal-multa jew il-pagament perjodiku ta' penalitajiet, għandhom ikunu kkunsidrati n-natura, l-gravità u t-tul tal-ksur. b'kont debitu meħud tal-prinċipji tal-proporzjonalità u adegwatezza, b'mod partikolari għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

4. Fejn l-impriżi jew l-assoċjazzjonijiet tal-impriża ikunu ssodisfaw l-obbligu li l- pagament perjodiku tal-penalitajiet kien intiż li jinforza, il-Kummissjoni tista' tnaqqas l-ammont definittiv tal-pagament perjodiku tal-penalitajiet meta mqabbel ma' dak taħt id-deċiżjoni oriġinali li imponiet il- pagamenti perjodiċi tal-penalitajiet. Il-Kummissjoni tista' wkolltirrinunzja għall-kwalunkwe pagament perjodiku tal-penalitajiet.

5. Qabel ma tadotta kwalunkwe deċiżjoni skont il-paragrafi 1 jew 2, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi skadenza finali ta' ġimagħtejn biex tirċievi l-informazzjoni nieqsa dwar is-suq mill-impriżi jew assoċjazzjonijiet ta' impriżi kkonċernati u wkoll tagħtihom l-opportunità li jsemmgħu l-fehmiet tagħhom.

6. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandu jkollha ġurisdizzjoni illimitata fis-sens tal-Artikolu 261 tat-TFUE biex tirrevedi multi jew pagamenti perjodiċi ta' penalitajiet imposti mill-Kummissjoni. Hi tista' tikkanċella, tnaqqas jew iżżid il-multa jew il-pagamenti perjodiċi ta' penalitajiet imposti.";

(4) Fl-Artikolu 7, jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"8. Qabel ma tiġi adottata kwalunkwe deċiżjoni skont il-paragrafi 2 sa 5, il-Kummissjoni għandha tagħti lill-Istat Membru kkonċernat l-opportunità li jsemmal-fehmiet tiegħu, fi skadenza li normalment m'għandhiex taqbeż xahar, dwar l-informazzjoni li tkun irċeviet il-Kummissjoni u mogħtija lill-Istat Membru skont l-Artikolu 6a(3).

9. Il-Kummissjoni ma għandhiex tuża informazzjoni kunfidenzjali fornuta minn dawk li wieġbu, li ma tistax tiġi aggregata jew b'mod ieħor tiġi anonimizzata, fi kwalunkwe deċiżjoni meħuda skont il-paragrafi minn 2 sa 5 sakemm ma tkun kisbet il-kunsens tagħhom li tiżvela dik l-informazzjoni lill-Istat Membru kkonċernat. Il-Kummissjoni tista' tieħu deċiżjoni motivata, li għandha tiġi notifikata lill-impriża jew l-assoċjazzjoni ta' impriżi kkonċernati, li tiddeċiedi li l-informazzjoni pprovduta minn intimat u mmarkata bħala kunfidenzjali mhijiex protetta u tistabbilixxi data li wara li tgħaddi l-informazzjoni ser tkun żvelata. Dak il-perjodu ma għandux ikun ta' anqas minn xahar.

10. Il-Kummissjoni għandha tqis debitament l-interessi leġittimi tal-impriżi għall-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tagħhom u informazzjoni kunfidenzjali. Impriża jew assoċjazzjoni ta' impriżi li jipprovdu informazzjoni skont l-Artikolu 6a, li mhijiex benifiċjarja ta' miżura ta' għajnuna mill-Istat inkwistjoni, tista' titlob, għal raġunijiet ta' dannu potenzjali, l-identità tagħha tinżamm mill-Istat Membru kkonċernat.";

(5) Fl-Artikolu 10 il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 20, il-Kummissjoni tista' fuq l-inizjattiva tagħha stess teżamina informazzjoni li tirrigwarda għajnuna illegali allegata minn kwalunkwe sors.

Il-Kummissjoni għandha teżamina mingħajr dewmien indebitu kwalunkwe lment imressaq minn kwalunkwe parti interessata skont l-Artikolu 20(2) u tiżgura li l-Istat Membru kkonċernat jinżamm infurmat regolarment u bis-sħiħ bil-progress u l-eżitu tal-eżami.

2. Jekk neċessarju, il-Kummissjoni għandha titlob l-informazzjoni mill-Istat Membru kkonċernat. L-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 5(1) u (2) għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

Wara li jingħata bidu għall-proċedura ta' investigazzjoni formali, il-Kummissjoni tista' titlob ukoll informazzjoni minn Stat Membru ieħor, impriża, jew assoċjazzjoni ta' impriżi skont l-Artikoli 6a u 6b, li għandhom japplikaw *mutatis mutandis*."

(6) It-titolu tal-Kapitolu li ġej jiddaħħal wara l-Artikolu 14:

"KAPITOLU IIIA

**PERIJODI TA' PRESKRIZZJONI**";

(7) It-titolu tal-Artikolu 15 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

**"Perjodu ta' preskrizzjoni għall-irkupru tal-għajnuna";**

(8) L-Artikoli li ġejjin jiddaħħlu:

*"Artikolu 15a*

**Perjodu ta' preskrizzjoni biex jiġu imposti multi u pagamenti perjodiċi ta' penalitajiet**

1. Is-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni fl-Artikolu 6b għandhom ikunu soġġetti għal perjodu ta' preskrizzjoni ta' tliet snin.

2. It-terminu ta' preskrizzjoni stipulat fil-paragrafu 1 jibda jiddekorri mill-ġurnata li fiha sar il-ksur imsemmi fl-Artikolu 6b. Madankollu, fil-każ ta' ksur kontinwu u ripetut, il-perijodu għandu jibda jiddekorri mill-ġurnata li fiha jintemm il-ksur.

3. Kull azzjoni meħuda mill-Kummissjoni għall-iskop tal-investigazzjoni jew il-proċedimenti fir-rigward ta' ksur imsemmi fl-Artikolu 6b għandha tinterrompi l-perjodu ta' preskrizzjoni għall-impożizzjoni ta' multi jew pagamenti perjodiċi ta' penalitajiet, b'effett mid-data li fiha l-azzjoni ġiet notifikata lill-impriża jew l-assoċjazzjoni ta' impriżi kkonċernata.

4. Wara kull interruzzjoni, il-perijodu tal-preskrizzjoni jerġa' jibda mill-bidu. Madankollu, il-perjodu tal-preskrizzjoni jiskadi sa mhux aktar tard mill- ġurnata li fiha jkun għadda perijodu ta' sitt snin mingħajr ma l-Kummissjoni tkun imponiet xi multa jew pagament perjodiku ta' penalitajiet. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż biż-żmien li matulu l-perjodu tal-preskrizzjoni jkun sospiż skont il-paragrafu 5.

5. Il-perijodu tal-preskrizzjoni applikabbli għall-impożizzjoni ta' multi jew pagamenti perjodiċi ta' penalitajiet għandu jiġi sospiż sa kemm id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tkun is-suġġett ta' proċeduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 15b*

**Perjodi ta' preskrizzjoni għall-infurzar ta' multi u ta' pagamenti perjodiċiu ta' penalitajiet**

1. Is-setgħat tal-Kummissjoni li tinforza deċiżjonijiet adottati skont l-Artikolu 6b għandhom ikunu soġġetti għal terminu ta' preskrizzjoni ta' ħames snin.

2. Il-perjodu stipulat fil-paragrafu 1 għandu jibda jiddekorri mill-ġurnata li fiha d-deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu 6b issir finali.

3. Il-perjodu ta' preskrizzjoni stipulat fil-paragrafu 1 għandu jiġi interrott:

(a) b'notifika ta' deċiżjoni li timmodifika l-ammont oriġinali tal-multa jew tal-pagament perjodiku ta' penalitajiet jew tirrifjuta applikazzjoni għall-modifika;

(b) bi kwalunkwe azzjoni ta' Stat Membru, li jaġixxi fuq talba tal-Kummissjoni, jew tal-Kummissjoni,, intiża li tinforza pagament tal-multa jew pagament perjodiku ta' penalitajiet.

4. Wara kull interruzzjoni, il-perjodu ta' preskrizzjoni jerġa' jibda mill-ġdid.

5. Il-perjodu ta' preskrizzjoni msemmi fil-paragrau 1 għandu jiġi sospiż sakemm:

(a) il-konvenut ikun permess żmien għall-ħlas;

(b) l-infurzar tal-ħlas ikun sospiż bis-saħħa ta' deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.";

(9) L-Artikolu 16 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 16*

**Użu ħażin ta' għajnuna**

Bla ħsara għall-Artikolu 23, il-Kummissjoni tista, f'każijiet ta' użu ħażin ta' għajnuna, tagħti bidu għall-proċedura ta' investigazzjoni formali skont l-Artikolu 4(4). L-Artikoli 6, 6a, 6b, 7, 9 u 10, l-Artikolu 11(1) u l-Artikoli 12 sa 15 għandhom japplikaw *mutatis mutandis*."

(10) Fl-Artikolu 20, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Kull parti interessata tista' tippreżenta ilment biex tinforma lill-Kummissjoni dwar xi għajnuna illegali allegata jew użu ħażin allegat ta' għajnuna. Għal dak il-għan, il-parti interessata għandha debitament timla formola li ġiet definita f'dispożizzjoni implimentattiva msemmija fl-Artikolu 27 u għandha tipprovdi kull informazzjoni obbligatorja mitluba fiha.

Fejn il-Kummissjoni tikkonsidra li l-parti interessata ma tikkonformax mal-formola tal-ilmenti obbligatorji jew li l-fatti u l-punti tal-liġi mressqa mill-parti interessata ma jipprovdux biżżejjed raġunijiet biex juru, fuq il-bażi ta' eżami *prima facie*, l-eżistenza ta' għajnuna illegali jew użu ħażin ta' għajnuna, għandha tinforma lill-parti interessata b'dan u tindirizzalha talba biex tagħmel il-kummenti tagħha f'perjodu preskritt li normalment m'għandux ikun aktar minn xahar. Jekk il-parti interessata tonqos milli tagħmel il-fehmiet tiegħu fil-perjodu preskritt, l-ilment għandu jitiqies li kien irtirat. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istat Membru kkonċernat meta lment ikun tqies li ġie rtirat.

Il-Kummissjoni għandha tibgħat kopja tad-deċiżjoni fuq każ li jikkonċerna s-suġġett tal-ilment lil min ilmenta.";

(11) Il-Kapitolu li ġej jiddaħħal wara l-Artikolu 20:

"KAPITOLU VIA

**INVESTIGAZZJONIJIET F'SETTURI TAL-EKONOMIJA U FI STRUMENTI TA' GĦAJNUNA**

*Artikolu 20a*

**Investigazzjonijiet f'setturi tal-ekonomija u fi strumenti ta' għajnuna**

1. Fejn l-informazzjoni disponibbli tissostanzja suspett raġonevoli li l-miżuri ta' għajnuna mill-Istat f'settur partikolari jew abbażi tal-istrument ta' għajnuna partikolari jistgħu jirrestrinġu materjalment jew ixekklu l-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern f 'diversi Stati Membri, jew li miżuri ta' għajnuna eżistenti f'settur partikolari f'diversi Stati Membri ma jkunux, jew ma għadhomx, kompatibbli mas-suq intern, il-Kummissjoni tista' tmexxi inkjesta fi Stati Membri diversi fis-settur tal-ekonomija jew l-użu tal-istrument ta' għajnuna kkonċernat. Matul din l-inkjesta, il-Kummissjoni tista' titlob l-Istati Membri, u/jew l-impriżi jew l-assoċjazzjonijiet tal-impriżi kkonċernati biex jipprovdu l-informazzjoni neċessarja għall-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE, filwaqt li jitqies il-prinċipju ta' proporzjonalità.

Il-Kummissjoni għandha tiddikjara r-raġunijiet għall-inkjesta u l-għażla ta' destinatarji fit-talbiet kollha għal informazzjoni mibgħuta skont dan l-Artikolu.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport dwar ir-riżultati tal-inkjesta f'setturi partikolari tal-ekonomija jew strumenti ta' għajnuna partikolari f'diversi Stati Membri u għandha tistieden lill-Istati Membri u kull impriża jew assoċjazzjoni ta' impriżi kkonċernati li jissottomettu kummenti.

2. Informazzjoni miksuba minn inkjesti dwar is-settur tista' tintuża fil-qafas ta' proċeduri skont dan ir-Regolament.

3. L-Artikoli 5, 6a u 6b għandhom japplikaw *mutatis mutandis.*";

(12) Il-Kapitolu li ġej jiddaħħal wara l-Artikolu 23:

"KAPITOLU VIIA

**KOOPERAZZJONI MAL-QRATI NAZZJONALI**

*Artikolu 23a*

**Kooperazzjoni mal-qrati nazzjonali**

1. Għall-applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) u l-Artikolu 108 tat-TFUE, il-qrati ta' Stati Membri jistgħu jistaqsu lil Kummissjoni biex tittrasmettilhom l-informazzjoni fil-pussess tagħha jew l-opinjoni tagħha fuq id-domandi li jikkonċernaw l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

2. Fejn l-applikazzjoni koerenti tal-Artikolu 107(1) jew l-Artikolu 108 tat-TFUE tirrikjedi hekk, il-Kummissjoni, waqt li taġixxi fuq l-inizjattiva tagħha stess, tista' tippreżenta osservazzjonijiet bil-miktub lil qrati tal-Istati Membri li huma responsabbli mill-applikazzjoni tar-regoli tal-għajnuna mill-Istat. Hi tista', bil-permess tal-qorti partikolari, tagħmel ukoll osservazzjonijiet orali.

Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istat Membru kkonċernat bl-intenzjoni tagħha li tippreżenta osservazzjonijiet qabel ma tagħmel dan formalment.

Għall-iskop esklużiv tal-preparazzjoni tal-osservazzjonijiet tagħha, il-Kummissjoni tista' titlob lill-qorti rilevanti tal-Istat Membru biex tittrażmetti dokumenti għad-disponibbiltà tal-qorti, neċessarji għall-valutazzjoni tal-materja.";

(13) L-Artikolu 25 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 25*

**Destinatarju tad-deċiżjonijiet**

1. Id-deċiżjonijiet meħuda skont l-Artikolu 6a(7), l-Artikolu 6b(1) u (2) u l-Artikolu 7(9) għandhom ikunu indirizzati lill-impriża jew l-assoċjazzjoni ta' impriżi kkonċernata. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika d-deċiżjoni lid-destinatarju mingħajr dewmien u għandha tagħti lid-destinatarju l-opportunità li jindika lill-Kummissjoni liema informazzjoni jikkunsidra li għandha tkun koperta mill-obbligu ta' segretezza professjonali.

2. Deċiżjonijiet l-oħra kollha meħuda skont il-Kapitoli II, III, IV, V u VII għandhom ikunu indirizzati lill-Istat Membru kkonċernat. Il-Kummissjoni għandha tinnotifikahom lill-Istat Membru kkonċernat mingħajr dewmien u għandha tagħti lil dak l-Istat Membru l-opportunità li jindika lill-Kummissjoni liema informazzjoni jikkonsidra li għandha tkun koperta mill-obbligu ta' segretezza professjonali".

(14) Fl-Artikolu 26, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"2a. Il-Kummissjoni għandha tippubblika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* d-deċiżjonijiet li tkun ħadet skont l-Artikoli 6b(1) u (2).";

(15) L-Artikolu 27 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 27*

**Dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni**

Il-Kummissjoni, waqt li taġixxi skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 29, għandha jkollha s-setgħa li tadotta dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni li jirrigwardaw:

(a) il-forma, il-kontenut u dettalji oħra ta' notifiki;

(b) il-forma, il-kontenut u dettalji oħra ta' rapporti annwali;

(c) il-forma, il-kontenut u dettalji oħra ta' kwereli sottomessi skont l-Artikolu 10(1) u l-Artikolu 20(2);

(d) dettalji tal-limiti ta' żmien u l-kalkolu tal-limiti ta' żmien; u

(e) ir-rata tal-interessi msemmija fl-Artikolu 14(2)."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament ser jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Lulju 2013.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. ASHTON

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 735/2013

## tat-30 ta' Lulju 2013

## li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 101/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 101/2011 tal-4 ta' Frar 2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-4 ta' Frar 2011, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 101/2011.

(2) L-entrati għal tliet persuni fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew organizzazzjonijiet li jidhru fl-Anness għar-Regolament (UE) Nru 101/2011 għandhom jiġu sostitwiti u għandhom jiġu pprovduti dikjarazzjonijiet ġodda tar-raġunijiet għaliex huma elenkati.

(3) L-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 101/2011 għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 101/2011 għandu jiġi emendat kif jidher fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Lulju 2013.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

L. LINKEVIČIUS

([1]) ĠU L 31, 5.2.2011, p. 1

*ANNESS*

L-entrati għall-persuni fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew organizzazzjonijiet li jidhru fl-Anness għar-Regolament (UE) Nru 101/2011 elenkati hawn taħt għandhom jiġu sostitwiti mill-entrati li ġejjin:

| | Ismijiet | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet |
|---|---|---|---|
| 1. | Mohamed Ben Moncef Ben Mohamed TRABELSI | Tuneżin, twieled f'Sabha-Libya fis-7 ta' Jannar 1980, iben Yamina SOUIEI, direttur amministrattiv, miżżewweġ lil Inès LEJRI, jgħix f'Résidence de l'Étoile du Nord - suite B- is-7 sular - apt. Nru 25 - Centre urbain du nord - Cité El Khadra - Tuneż, detentur tan-Nru NIC 04524472. | Persuna soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini dwar kompliċità fl-abbuż serju minn uffiċjal pubbliku (f'dan il-każ l-ex-uffiċjal kap eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni Tuneżina tal-Banek u l-ex-kap uffiċjal eżekuttiv tal-Bank Agrikolu Nazzjonali) biex takkwista vantaġġ mhux ġustifikat għal parti terza u tikkawża ħsara lill-amministrazzjoni. |
| 2. | Fahd Mohamed Sakher Ben Moncef Ben Mohamed Hfaiez MATERI | Tuneżin, twieled f'Tuneż fit-2 ta' Diċembru 1981, iben Naïma BOUTIBA, miżżewweġ lil Nesrine BEN ALI, detentur tan-Nru NIC 04682068. | Persuna soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għax eżerċitat influwenza ħażina fuq detentur ta' pożizzjoni pubblika (l-ex-President Ben Ali) bil-ħsieb li tikseb direttament jew indirettament vantaġġ għal persuna oħra, għall-kompliċità fl-użu ħażin ta' pożizzjoni minn detentur ta' pożizzjoni pubblika (l-ex-President Ben Ali) biex takkwista vantaġġ mhux ġustifikat għal parti terza u biex tikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u kompliċità fil-miżappropprjazzjoni ta' flus pubbliċi Tuneżini minn detentur ta' pożizzjoni pubblika (l-ex-President Ben Ali). |
| 3. | Mohamed Slim Ben Mohamed Hassen Ben Salah CHIBOUB | Tuneżin, twieled fit-13 ta' Jannar 1959, iben Leïla CHAIBI, miżżewweġ lil Dorsaf BEN ALI, kap uffiċjal eżekuttiv, jgħix f'rue du Jardin - Sidi Bousaid - Tuneż, detentur tan-Nru NIC 00400688. | Persuna soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal abbuż tal-influwenza fuq uffiċjal pubbliku (f'dan il-każ l-ex-President Ben Ali) bil-ħsieb tal-kisba, direttament jew indirettament, ta' vantaġġi għall-profitt ta' persuni oħrajn u kompliċità fl-abbuż serju minn uffiċjal pubbliku biex takkwista vantaġġ mhux ġustifikat għal parti terza u tikkawża ħsara lill-amministrazzjoni. |

# REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 736/2013

**tas-17 ta' Mejju 2013**

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-medda ta' żmien għall-programm ta' ħidma għall-eżami ta' sustanzi attivi bijoċidali eżistenti**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali [1], u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 89(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 jipprovdi għall-kontinwazzjoni tal-programm ta' ħidma għall-eżami sistematiku tas-sustanzi attivi kollha eżistenti użati fil-prodotti bijoċidali li nbeda skont l-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali [2].

(2) L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 89(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 jipprovdi li l-programm ta' ħidma għandu jintlaħaq sal-14 ta' Mejju 2014.

(3) Skont l-aħħar stimi tal-Kummissjoni, kif espressi fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fuq l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali [3], l-eżami tas-sustanzi attivi kollha eżistenti użati fil-prodotti bijoċidali mhux se jitlesta qabel il-31 ta' Diċembru 2024.

(4) Għalhekk huwa xieraq li l-programm ta' ħidma jiġi estiż sa dik id-data.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 89(1) tar-Regolament (KE) Nru 528/2012 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha tibqa' għaddejja bil-programm ta' ħidma għall-eżami sistematiku tas-sustanzi attivi kollha eżistenti li nbeda skont l-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE bl-għan li jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2024. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 83 fir-rigward tat-twettiq tal-programm ta' ħidma u tal-ispeċifikazzjoni tad-drittijiet u l-obbligi relatati tal-awtoritajiet kompetenti u tal-parteċipanti fil-programm."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussell, is-17 ta' Mejju 2013.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
José Manuel BARROSO

[1] ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.
[2] ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1.
[3] COM(2011) 498 finali

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 737/2013**

**tat-30 ta' Lulju 2013**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 501/2008 dwar termini u kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3/2008 rigward azzjonijiet ta' informazzjoni u promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3/2008 tas-17 ta' Diċembru 2007 dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi ([1]), b'mod partikolari l-Artikoli 4, 5 u 15 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 501/2008 ([2]) jistabbilixxi r-regoli għat-tfassil, l-għażla, l-implimentazzjoni, il-finanzjament u l-kontrolli tal-forniment tal-informazzjoni u l-miżuri ta' promozzjoni stipulati fir-Regolament (KE) Nru 3/2008.

(2) Il-lista tat-temi u l-prodotti li għalihom jistgħu jiġu implimentati l-miżuri fis-suq intern, skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 3/2008 hija stabbilita fil-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 501/2008 u l-lista tal-prodotti li jistgħu jkunu koperti minn miżuri promozzjonali fil-pajjiżi terzi, skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 3/2008 hija stabbilita fil-Parti A tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 501/2008. Dawn il-listi għandhom jiġu rriveduti kull sentejn.

(3) Il-linji gwida msemmijin fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 3/2008 huma stabbiliti fil-Parti B tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 501/2008.

(4) Fil-kuntest tal-kriżi fis-settur tal-laħam tan-ngħaġ, u biex ikun hemm sensibilizzazzjoni dwar il-laħam tan-ngħaġ u l-produzzjoni u l-konsum tiegħu, l-organizzazzjonijiet tal-kummerċ u interkummerċjali tas-settur għandhom jingħataw l-opportunità li jirċievu l-kofinanzjament mill-Unjoni għal programmi ta' informazzjoni u promozzjoni tal-laħam tan-ngħaġ ġenerali li joriġina fl-Unjoni.

(5) It-termini fakultattivi tal-kwalità introdotti bir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([3]), jikkostitwixxu t-tieni saff ta' sistemi tal-kwalità li jżidu l-valur. Dawn jistgħu jixxandru fis-suq intern u jirreferu għal karatteristiċi orizzontali speċifiċi, fir-rigward ta' kategorija waħda, jew aktar, ta' prodotti, metodi tal-biedja jew karatteristiċi tal-ipproċessar li japplikaw f'oqsma speċifiċi. Biex ikun hemm disponibbiltà sħiħa tal-programmi promozzjonali fis-suq intern għall-iskemi kollha kurrenti tal-kwalità, il-prodotti koperti mill-iskema għal termini tal-kwalità fakultattivi għandhom jiġu inklużi bħala prodotti eliġibbli, flimkien ma' prodotti li huma koperti mill-iskemi tad-denominazzjoni protetta tal-oriġini (DPO), tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (IĠP), jew tal-ispeċjalità tradizzjonali garantita (STG).

(6) Ir-raġunijiet biex il-laħam tat-tjur jingħata l-eliġibbiltà ma għadhomx validi, billi għadda biżżejjed żmien mill-kriżi tal-influwenza tat-tjur biex reġgħet issaħħet il-fiduċja tal-konsumaturi. Għaldaqstant, għandhom jitħassru r-referenzi għal-laħam tat-tjur.

(7) Meta ssir l-għażla tal-pajjiżi terzi li għandhom jiġu inklużi fil-Parti B tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 501/2008, għandhom jitqiesu s-swieq tal-pajjiżi terzi fejn hemm domanda attwali jew potenzjali. Bis-saħħa tal-konsum li qed jiżdied b'mod regolari, il-potenzjal għall-prodotti agrikoli tal-Unjoni u l-interess fihom, kif ukoll bis-saħħa tal-programmi ta' komunikazzjoni u kooperazzjoni tal-Unjoni, għandhom jitqiesu bħala swieq eliġibbli għall-programmi promozzjonali, pajjiżi u żoni ġodda.

(8) Fil-kuntest tal-adeżjoni mal-Unjoni tal-Kroazja fl-1 ta' Lulju 2013, dan il-pajjiż għandu jitneħħa mil-lista ta' pajjiżi terzi eliġibbli.

(9) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 501/2008 għandu jiġi emendat skont dan.

(10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

([1]) ĠU L 3, 5.1.2008, p. 1.

([2]) ĠU L 147, 6.6.2008, p. 3.

([3]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Annessi I, II u III tar-Regolament (KE) Nru 501/2008 huma emendati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Lulju 2013.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
José Manuel BARROSO

*ANNESS*

L-Annessi I, II u III tar-Regolament (KE) Nru 501/2008 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) Il-Parti A. "Lista tat-Temi u l-Prodotti" hija emendata kif ġej:

(i) it-13-il inċiż jiġi mibdul b'dan li ġej:

"— Il-prodotti koperti mill-iskemi għad-denominazzjoni protetta tal-oriġini (DPO), għall-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (IĠP), jew għall-ispeċjalità tradizzjonali garantita (STG) jew termini tal-kwalità fakultattivi, skont ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*)

(*) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1."

(ii) Il-15-il inċiż jitħassar

(iii) jiżdied l-inċiż li ġej:

"— Laħam tan-ngħaġ"

(b) Il-Parti B. "Linji Gwida" hija emendata kif ġej:

(i) fil-linji gwida dwar "LAĦMIJIET FRISKI, KESĦIN JEW IFFRIŻATI, PRODOTTI SKONT SKEMA TA' KWALITÀ KOMUNITARJA JEW NAZZJONALI", fil-punt 2. "Għanijiet", il-kliem "DPO/IĠP/STG u biedja organika" jinbidlu bil-kliem ""DPO/IĠP/STG, termini tal-kwalità fakultattivi u l-biedja organika"

(ii) il-linji gwida dwar "PRODOTTI MĦARSA B'DENOMINAZZJONI PROTETTA TAL-ORIĠINI (DPO), INDIKAZZJONI ĠEOGRAFIKA PROTETTA (IĠP), JEW SPEĊJALITÀ TRADIZZJONALI GARANTITA (STG)" jinbidlu b'dan li ġej:

"IL-PRODOTTI KOPERTI MILL-ISKEMI GĦAD-DENOMINAZZJONI PROTETTA TAL-ORIĠINI (DPO), GĦALL-INDIKAZZJONIJIET ĠEOGRAFIĊI PROTETTI (IĠP), JEW GĦALL-ISPEĊJALITÀ TRADIZZJONALI GARANTITA (STG) JEW TERMINI TAL-KWALITÀ FAKULTATTIVI, SKONT IR-REGOLAMENT (UE) Nru 1151/2012

1. **Analiżi ġenerali tas-sitwazzjoni**

Is-sistema Komunitarja għall-ħarsien tad-denominazzjoni tal-prodotti stipulata fir-Regolament (KE) Nru 1151/2012 hija prijorità fl-implimentazzjoni tal-parti dwar il-kwalità tal-politika agrikola komuni. Għalhekk jinħtieġ li jitkomplew l-isforzi li kienu saru qabel biex isiru kampanji biex jingħata tagħrif lill-parteċipanti potenzjali kollha fil-katina tal-produzzjoni, it-tħejjija, il-kummerċ u l-konsum tal-prodotti koperti mid-denominazzjonijiet protetti u t-termini tal-kwalità fakultattivi.

2. **Għanijiet**

Il-kampanji ta' informazzjoni u ta' promozzjoni ma għandhomx jillimitaw ruħhom għal isem wieħed jew għal għadd żgħir ta' ismijiet ta' prodotti iżda għandhom jiffokaw fuq gruppi ta' ismijiet jew ta' ċerti kategoriji ta' prodotti, jew ta' prodotti ta' reġjun wieħed jew ta' ħafna reġjuni, jew ta' Stat Membru wieħed jew ta' ħafna Stati Membri.

Dawn il-kampanji għandu jkollhom bħala għan:

— li jagħtu informazzjoni sħiħa dwar il-kontenut, dwar il-ħidma u dwar il-karattru tal-Unjoni ta' dawn l-iskemi u, b'mod partikolari, dwar l-effetti tagħhom fuq il-valur kummerċjali tal-prodotti li d-denominazzjoni tagħhom tkun protetta, li jgawdu mill-protezzjoni li jagħtu dawn l-iskemi wara li jiġu rreġistrati,

— li jtejbu l-għarfien tas-simboli tal-Unjoni għall-prodotti koperti mill-iskemi għall-DPO/IĠP/STG jew għat-termini tal-kwalità fakultattivi fost il-konsumaturi, id-distributuri u l-professjonisti fil-qasam tal-ikel,

— li jħeġġu gruppi ta' produtturi/proċessaturi li għadhom mhux qed jieħdu sehem f'dawn l-iskemi biex jirreġistraw id-denominazzjoni tal-prodotti li jissodisfaw il-kundizzjonijiet bażiċi u biex japplikaw it-termini tal-kwalità fakultattivi,

— li jħeġġu l-gruppi ta' produtturi u proċessaturi fir-reġjunijiet ikkonċernati li għadhom mhux qed jieħdu sehem fl-iskemi biex jaħdmu fuq prodotti ta' denominazzjonijiet reġistrati billi jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet approvati, u mar-rekwiżiti tal-ispezzjoni stabbiliti għad-denominazzjonijiet protetti diversi,

— li jagħtu spinta lit-talba għall-prodotti kkonċernati filwaqt li jgħarrfu lill-konsumaturi u lid-distributuri dwar l-eżistenza, is-sinifikat u l-benefiċċji tal-iskemi u jagħtuhom spjegazzjonijiet dwar il-logos, dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti tad-desinjazzjonijiet, dwar il-kontrolli, kif ukoll dwar is-sistema ta' traċċabilità.

3. **Gruppi fil-mira**

— Produtturi u proċessuri

— Distributuri s-supermarkets, il-grossisti, dawk li jbiegħu bl-imnut, il-kejterers, il-kantins u r-restoranti),

— Konsumaturi u l-assoċjazzjonijiet tagħhom,

— Min iwassal opinjoni.

4. **Messaġġi prinċipali**

— Il-prodotti li d-denominazzjoni tagħhom hija protetta għandhom karatteristiċi speċifiċi skont l-oriġini ġeografika tagħhom; fil-każ ta' prodotti li għandhom id-DPO, il-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodotti jridu jkunu essenzjalment jew esklussivament marbuta mal-ambjent ġeografiku partikolari bil-karatteristiċi naturali u umani inerenti ma' dan. Il-prodotti bl-IPĠ, għandhom kwalità jew fama speċifika li hija marbuta mal-oriġini ġeografika tagħhom; irid ikun hemm rabta ġeografika f'minn tal-inqas waħda mill-fażijiet tal-produzzjoni, tal-ipproċessar jew tat-tħejjija

— Il-prodotti li jgawdu minn STG għandhom karatteristiċi marbuta mal-metodi ta' produzzjoni tradizzjonali partikolari jew mal-użu ta' materja prima tradizzjonali

— Il-logos tal-Unjoni użati għad-DPO, għall-IĠP, u għall-STG huma simboli li jinftiehmu madwar l-Unjoni kollha bħala denominazzjonijiet ta' prodotti li jkunu konformi ma' ċerti kundizzjonijiet produttivi speċifiċi marbuta mal-oriġini ġeografika tagħhom jew mat-tradizzjoni u li jkunu soġġetti għall-ispezzjonijiet

— It-termini tal-kwalità fakultattivi huma marbutin ma' karatteristika ta' kategorija waħda jew aktar ta' prodotti, jew għal attribut tal-biedja jew tal-ipproċessar li jkun japplika f'żoni speċifiċi

— L-użu tat-termini tal-kwalità fakultattivi jżid il-valur tal-prodott meta mqabbel ma' prodotti ta' tip simili

— It-termini tal-kwalità fakultattivi għandhom dimensjoni tal-Unjoni

— Il-preżentazzjoni ta' xi prodotti li qegħdin fl-iskemi tad-DPO, l-IĠP, u l-STG jew tat-termini tal-kwalità fakultattivi bħala eżempji tal-possibbiltà ta' reklamar kummerċjali b'suċċess ta' prodotti reġistrati fl-iskemi ta' protezzjoni

— Dawn l-iskemi ta' protezzjoni jgħinu l-wirt kulturali tal-Unjoni, id-diversità tal-produzzjoni agrikola, kif ukoll iż-żamma tal-kampanja f'qagħda tajba

5. **Strumenti prinċipali**

— L-Internet u mezzi elettroniċi oħra

— Relazzjonijiet pubbliċi mal-mezzi tax-xandir (stampa speċjalizzata, tan-nisa u tat-tisjir)

— Kuntatti mal-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi

— Tagħrif u wirjiet fil-ħwienet

— Mezzi ta' komunikazzjoni awdjoviżivi (riklami televiżivi mmirati, eċċ.)

— Dokumenti stampati (fuljetti, pamflets, eċċ)

— Parteċipazzjoni fil-fieri u fil-wirjiet

— Seminars ta' tagħrif u ta' taħriġ u azzjonijiet dwar il-funzjonament tal-iskemi tal-Unjoni għad-DPO, l-IĠP, l-STĠ jew termini tal-kwalità fakultattivi

6. **Tul ta' żmien u firxa tal-programmi**

Minn 12 sa 36 xahar, preferibbilment bi prijorità għall-programmi pluriennali filwaqt li jiġu stabbiliti għanijiet u strateġiji għal kull fażi."

(iii) il-linji gwida dwar il-"LAĦAM TAT-TJUR" huma mħassra

(iv) jiġu miżjuda l-linji gwida l-ġodda li ġejjin dwar il-"LAĦAM TAN-NGĦAĠ":

"LAĦAM TAN-NGĦAĠ

1. **Analiżi globali tas-sitwazzjoni**

Is-settur tal-laħam tan-ngħaġ huwa fraġli ħafna u għaddej minn kriżi: il-konsum, il-produzzjoni u l-prezzijiet tal-laħam tan-ngħaġ qegħdin jonqsu, filwaqt li l-ispejjeż (l-introduzzjoni tal-identifikazzjoni elettronika, il-prezzijiet tal-għalf, il-produzzjoni tradizzjonali bħat-transumanza) qegħdin jiżdiedu. Barra

minn hekk, qed jiżdied il-forniment tal-laħam tan-ngħaġ minn pajjiżi terzi. Minħabba li qed tonqos il-profitabbiltà, bosta produtturi qegħdin jiġu sfurzati li jwaqqfu l-produzzjoni, u dan jista' jkollu konsegwenzi negattivi fuq il-varjetà ta' laħam fl-Unjoni, u aktar tluq mill-kampanja. Il-laħam tan-ngħaġ huwa parti importanti mill-wirt kulinari fl-Unjoni, u l-produzzjoni tiegħu realment għandha rwol speċjali fiż-żoni fejn il-kundizzjonijiet tal-biedja huma diffiċli fejn għandu x'jaqsam mal-manteniment tal-pajsaġġ u l-impatti soċjoekonomiċi.

2. **L-għanijiet**

— Li jiżdied l-għarfien tal-gruppi fil-mira dwar il-kwalità, il-kundizzjonijiet ta' produzzjoni sostenibbli tal-laħam tan-ngħaġ u r-rwol speċjali li dan għandu fil-wirt kulinari tal-Unjoni

— Li jiżdied il-konsum tal-laħam tan-ngħaġ

3. **Gruppi fil-mira**

— Produtturi u proċessuri

— Distributuri (supermarkets, grossisti, bejjiegħa bl-imnut, kejterers, kantins, ristoranti)

— Il-konsumaturi (b'mod partikolari l-konsumaturi żgħażagħ, ta' bejn it-18 u l-40 sena) u l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi

— Dawk li jinfluwenzaw l-opinjoni pubblika, il-ġurnalisti, l-esperti tal-gastronomija

4. **Messaġġi prinċipali**

— Metodi ta' produzzjoni li jirrispettaw l-ambjent u tradizzjonali

— It-traċċabbiltà (l-identifikazzjoni elettronika)

— It-tikkettar tal-laħam jippermetti lill-konsumaturi jidentifikaw l-oriġini u l-karatteristiki tal-prodotti

— Li l-konsumaturi jkunu infurmati dwar id-diversità u l-kwalitajiet organolettiċi u nutrittivi tal-laħam tan-ngħaġ

— Pariri għall-użu, riċetti

— Il-kampanji ta' tagħrif u ta' promozzjoni huma limitati għall-prodotti magħmula fl-Unjoni

5. **Strumenti prinċipali**

— L-Internet u mezzi elettroniċi oħra

— Il-promozzjoni fil-punti tal-bejgħ (provi ta' togħma, riċetti, informazzjoni)

— Relazzjonijiet mal-istampa u relazzjonijiet pubbliċi (avvenimenti, parteċipazzjoni f'fieri tal-konsumaturi, eċċ.)

— Il-pubbliċità (jew editorjali li jagħmlu l-pubbliċità) fl-istampa

— Il-mezzi ta' komunikazzjoni awdjoviżiva (televiżjoni u radju)

— Il-parteċipazzjoni f'fieri kummerċjali

— Strumenti oħra

6. **Tul ta' żmien u firxa tal-programmi**

Bejn 12 u 36 xahar, bi prijorità għall-programmi pluriennali li jistabbilixxu miri ċari u strateġija għal kull fażi, li jiġu organizzati minn żewġ Stati Membri jew iżjed u jiġu implimentati f'mill-inqas żewġt iswieq ġodda."

(2) L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) Il-Parti A. "**LISTA TAL-PRODOTTI LI JISTGĦU JSIRULHOM AZZJONIJIET TA' PROMOZZJONI**" hija emendata kif ġej:

(i) il-11-il inċiż jiġi mibdul b'dan li ġej:

"— Il-prodotti koperti mill-iskemi għad-denominazzjoni protetta tal-oriġini (DPO), għall-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (IĠP), jew għall-ispeċjalità tradizzjonali garantita (STG) jew termini tal-kwalità fakultattivi, skont ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012"

(ii) jiżdied l-inċiż ġdid li ġej:

"— Laħam tan-ngħaġ"

(b) Il-Parti B. "**LISTA TAS-SWIEQ TERZI FEJN JISTGĦU JITWETTQU L-AZZJONIJIET TA' PROMOZZJONI**" hija emendata kif ġej:

(i) It-taqsima A "Pajjiż" hija emendata kif ġej:

— l-inċiżi tal-Afrika t'Isfel u tal-Kroazja jitħassru

— jinżiedu l-inċiżi li ġejjin:

"— l-Albanija

— l-Armenja

— l-Ażerbajġan

— il-Bjelorussja

— Ġorġja

— il-Kazakistan

— il-Moldova

— l-Uzbekistan"

(ii) It-taqsima B "Żoni ġeografiċi" hija emendata kif ġej:

— jitħassar l-inċiż tal-Afrika ta' Fuq

— jinżied l-inċiż ġdid li ġej:

"— l-Afrika"

(3) l-Anness III huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 12 jinbidel b'dan li ġej:

"12. Il-prodotti koperti mill-iskemi għad-denominazzjoni protetta tal-oriġini (DPO), għall-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (IĠP), jew għall-ispeċjalità tradizzjonali garantita (STG) jew termini tal-kwalità fakultattivi, skont ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012: EUR 3 miljuni"

(b) Il-punt 15 jitħassar

(c) jinżied il-punt 16 li ġej:

"16. Laħam tan-ngħaġ: p.m."

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 738/2013**

**tat-30 ta' Lulju 2013**

**li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-użu ta' ċerti addittivi f'analogi tal-bajd tal-ħut abbażi tal-alka**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(3) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jistabbilixxi lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel approvati għall-użu fl-ikel u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom.

(2) Din il-lista tista' tiġi aġġornata skont il-proċedura komuni msemmija fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enżimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel ([2]) jew fuq inizjattiva tal-Kummissjoni jew wara li ssir applikazzjoni.

(3) Applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-użu ta' numru ta' addittivi fi prodotti analogi tal-ħut abbażi tal-alka tressqet fl-1 ta' Frar 2011 u saret disponibbli għall-Istati Membri.

(4) L-analogi tal-bajd tal-ħut abbażi tal-alka ġew żviluppati minn estratti tal-alka, li jammontaw għal madwar 85 % tal-prodott. Ingredjenti addizzjonali huma l-ilma, ħwawar u addittivi awtorizzati. L-analogi tal-ajd tal-ħut abbażi tal-alka jappartjenu għal kategorija tal-ikel 04.2.4.1 "Preparazzjonijiet tal-frott u l-ħxejjex eskluż ix-xropp tal-frott" skont il-Parti D tal-lista tal-Unjoni tal-addittivi tal-ikel tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008.

(5) Peress li dawn il-prodotti mhumiex viżwalment attraenti, huwa meħtieġ l-użu ta' ċerti kuluri tal-ikel. L-użu ta' sustanzi li jagħtu l-ħlewwa huwa meħtieġ biex tiġi aġġustata t-togħma, titgħatta t-togħma morra, u fl-istess ħin jiġi evitat li l-użu taz-zokkor jillimita l-istabbiltà mikrobijoloġika u l-ħajja tal-konsum ta' dawn il-prodotti. Addittivi addizzjonalment mitluba huma meħtieġa bħala stabilizzaturi u antiossidanti.

(6) L-analogi tal-ħut abbażi tal-alka huma primarjament maħsuba biex jintużaw bħala kontorn jew tiżjin fuq dixxijiet, bħala alternattiva għall-bajd tal-ħut. L-esponiment addizzjonali minħabba l-użu ta' dawn l-addittivi għalhekk ikun negliġibbli meta mqabbel mal-użu tagħhom f'oġġetti tal-ikel oħrajn, u mhuwiex suxxettibbli li jkollhom effett fuq is-saħħa tal-bniedem. Huwa għalhekk xieraq li jkun awtorizzat l-użu ta' ċerti kuluri, ħlewwiet, antiossidanti u stabilizzaturi fl-analogi tal-bajd tal-ħut.

(7) Skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, il-Kummissjoni għandha titlob l-opinjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel biex taġġorna l-lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel stipulata fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, ħlief meta l-aġġornament inkwistjoni ma jkunx mistenni li jħalli effett fuq is-saħħa tal-bniedem. Billi l-awtorizzazzjoni tal-użu ta' Kurkumina (E 100), Riboflavini (E 101), Koċineal, Aċidu Karminiku, Karminji (E 120), Kumplessi tar-ram tal-klorofilli u l-klorofillini (E 141), Karamelli sempliċi (E 150a), Karbonju veġetali (E 153), Karoteni (E 160a), Estratt tal-paprika, kapsantin, kapsorubin (E 160c), Beta-apo-8 '-karotenal (C 30) (E 160e), Aħmar tal-pitravi, betanin (E 162), antoċijanini (E 163), dijossidu tat-titanju (E 171), Ossidi tal-ħadid u idrossidi (E 172), Estratti tal-klin (E 392), Aċidu fosforiku — fosfati — di-, tri- u polifosfati (E 338-452) u Sakkarina u l-imluħa tagħha tas-sodju, tal-potassju u tal-kalċju (E 954) f'analogi tal-bajd tal-ħut abbażi tal-alka tikkostitwixxi aġġornament ta' dik il-lista li x'aktarx ma tħallix effett fuq is-saħħa tal-bniedem, mhux meħtieġ li tintalab l-opinjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel.

(8) Għaldaqstant, l-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 għandu jiġi emendat skont dan.

(9) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali, u la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma opponewhom,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16.
([2]) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 1.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Lulju 2013.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
José Manuel BARROSO

*ANNESS*

Fil-Parti E tal-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, il-kategorija ta' ikel 04.2.4.1 "Preparazzjonijiet tal-frott u l-ħxejjex eskluż x-xropp tal-frott", hija emendata kif ġej:

(1) L-entrati li ġejjin huma mdaħħla f'ordni numeriku:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | "E 100 | Kurkumina | 50 | | Biss analogi tal-bajd tal-ħut abbażi tal-alka |
| | E 101 | Riboflavini | *quantum satis* | | Biss analogi tal-bajd tal-ħut abbażi tal-alka |
| | E 120 | Koċineal, Aċidu Karminiku, Karminji | 100 | | Biss analogi tal-bajd tal-ħut abbażi tal-alka |
| | E 141 | Komposti tar-ram tal-klorofilli u klorofillini | *quantum satis* | | Biss analogi tal-bajd tal-ħut abbażi tal-alka |
| | E 150a | Karamelli sempliċi | *quantum satis* | | Biss analogi tal-bajd tal-ħut abbażi tal-alka |
| | E 153 | Karbonju veġetali | *quantum satis* | | Biss analogi tal-bajd tal-ħut abbażi tal-alka |
| | E 160a | Karoteni | *quantum satis* | | Biss analogi tal-bajd tal-ħut abbażi tal-alka |
| | E 160c | Estratt tal-paprika, kapsantin, kapsorubin | *quantum satis* | | Biss analogi tal-bajd tal-ħut abbażi tal-alka |
| | E 160e | Beta-apo-8'-karotenal (C 30) | 100 | | Biss analogi tal-bajd tal-ħut abbażi tal-alka |
| | E 162 | Aħmar tal-Pitravi, betanin | *quantum satis* | | Biss analogi tal-bajd tal-ħut abbażi tal-alka |
| | E 163 | Antoċijanini | *quantum satis* | | Biss analogi tal-bajd tal-ħut abbażi tal-alka |
| | E 171 | Diossidu tat-titanju | *quantum satis* | | Biss analogi tal-bajd tal-ħut abbażi tal-alka |
| | E 172 | Ossidi u idrossidi tal-ħadid | *quantum satis* | | Biss analogi tal-bajd tal-ħut abbażi tal-alka |
| | E 338-452 | Aċidu fosforiku - fosfati - di - tri- u polifosfati | 1 000 | (1) (4) | Biss analogi tal-bajd tal-ħut abbażi tal-alka |
| | E 392 | Estratti tal-klin | 200 | (46) | Biss analogi tal-bajd tal-ħut abbażi tal-alka |
| | E 954 | Sakkarina u l-imluħa Na, K u Ca tagħha | 50 | (52) | Biss analogi tal-bajd tal-ħut abbażi tal-alka" |

(2) In-nota ta' qiegħ il-paġna li ġejja hija miżjuda wara n-nota ta' qiegħ il-paġna 34:

"(46): Bħala s-somma ta' karnosol u aċidu karnosiku"

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 739/2013

## tat-30 ta' Lulju 2013

## li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-użu ta' steroli tal-pjanti rikki fl-Istigmasteroli bħala stabilizzaturi f'koktejls alkoħoliċi lesti biex jiġu ffriżati u l-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet għall-addittiv tal-ikel abbażi ta' steroli tal-pjanti rikki fl-istigmasteroli

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(3) u 14 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enżimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(5) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jistabbilixxi lista ta' addittivi tal-ikel tal-Unjoni approvati għall-użu fl-ikel, u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 ([3]) jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008.

(3) Dawn il-listi jistgħu jiġu aġġornati skont il-proċedura komuni msemmija fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, jew b'inizjattiva tal-Kummissjoni inkella wara talba.

(4) Applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-użu ta' steroli tal-pjanti rikki fl-istigmasteroli bħala stabilizzaturi f'koktejls alkoħoliċi lesti biex jiġu ffriżati tressqet fil-11 ta' Frar 2011, u tinsab għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri.

(5) Hemm ħtieġa teknoloġika għall-użu ta' steroli tal-pjanti rikki fl-istigmasteroli bħala stabilizzaturi, aġenti ta' nukleazzjoni tas-silġ, biex joħolqu u jżommu l-preżenza ta' tixrid tas-silġ fi ħdan firxa ta' koktejls alkoħoliċi lesti biex jiġu ffriżati. Dawn il-prodotti huma mfassla biex jinxtraw mill-konsumatur bħala likwidu u jitqiegħdu fi friżers domestiċi għall-produzzjoni ta' xorb semiffriżat. Meta steroli tal-pjanti rikki fl-istigmasteroli jiġu miżjuda mal-koktejls bħala aġent ta' nukleazzjoni tas-silġ (stabilizzatur) jiżguraw li l-koktejls se jiffriżaw u jipproduċu xarba sodisfaċenti semiffriżata fil-friża tal-konsumatur. Mingħajr l-użu ta' steroli tal-pjanti rikki fl-istigmasteroli, is-supertkessiħ tax-xorb jista' jseħħ u l-formazzjoni tas-silġ ma jistax ikun garantit. Dan iwassal għal falliment tal-prodott.

(6) Skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, il-Kummissjoni għandha tfittex l-opinjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel sabiex taġġorna l-lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008.

(7) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ivvalutat is-sigurtà ta' steroli tal-pjanti rikki fl-istigmasteroli meta jintużaw bħala addittiv tal-ikel f'koktejls alkoħoliċi lesti biex jiġu ffriżati u fl-14 ta' Mejju 2012 ([4]) esprimiet l-opinjoni tagħha. Hija qieset li d-dejta tossikoloġika disponibbli għal steroli tal-pjanti rikki fl-istigmasteroli hija insuffiċjenti biex jiġi stabbilit ammont aċċettabbli li jista' jittieħed kuljum. Madankollu, abbażi tal-informazzjoni disponibbli, hija kkonkludiet li l-użu propost u l-livelli tal-użu ta' steroli tal-pjanti rikki fl-istigmasteroli bħala stabilizzaturi f'koktejls alkoħoliċi lesti biex jiġu ffriżati mhumiex ta' periklu għas-saħħa. Barra minn hekk, filwaqt li tqis l-espożizzjoni stmata għall-isteroli tal-pjanti mis-sorsi kollha, l-Awtorità tikkunsidra li l-medja ta' kuljum (jiġifieri minn applikazzjonijiet ġodda, minn sorsi naturali u miżjuda bħala ingredjent tal-ikel ġdid) mhix se taqbeż it-3 g.

(8) Għalhekk, huwa xieraq li jkun awtorizzat l-użu ta' steroli tal-pjanti rikki fl-istigmasteroli bħala stabilizzaturi f'koktejls alkoħoliċi lesti biex jiġu ffriżati u li jkun assenjat E 499 bħala numru E għal dak l-addittiv tal-ikel.

(9) L-isteroli tal-pjanti, l-istanoli tal-pjanti u l-esteri tagħhom ġew ivvalutati qabel minn diversi awtoritajiet xjentifiċi, inklużi l-Kumitat Xjentifiku dwar l-Ikel, il-Kumitat Konġunt tal-Esperti FAO/WHO dwar l-Addittivi tal-Ikel u l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u huma approvati għall-użu f'ikel differenti fi ħdan l-Unjoni f'livelli ta' konsum sa 3 g/kuljum. Dawk is-sustanzi jintużaw bħala ingredjenti tal-ikel ġodda bil-għan li individwi iperkolesterolemiċi jikkontrollaw il-livelli tal-kolesterol tat-tip LDL fid-demm.

([1]) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16.
([2]) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 1.
([3]) ĠU L 83, 22.3.2012, p. 1.
([4]) Il-Bord tal-EFSA dwar l-Addittivi tal-Ikel u s-Sorsi tan-Nutrijenti miżjuda mal-Ikel (ANS); Opinjoni xjentifika dwar is-sikurezza ta' steroli tal-pjanti rikki fl-istigmasteroli bħala addittiv tal-ikel. *The EFSA Journal* 2012; 10(5):2659.

(10) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004 tal-31 ta' Marzu 2004 li jikkonċerna l-ittikkettjar ta' ikel u ingredjenti tal-ikel b'fitosteroli miżjuda, esteri fitosteroli, fitostanoli u/jew esteri fitostanoli [1] jistipula dettalji obbligatorji dwar it-tikkettar ta' tali ikel, flimkien ma' dak imniżżel fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Marzu 2000 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' tikkettar, preżentazzjoni u riklamar ta' oġġetti tal-ikel [2]. Dawk ir-rekwiżiti tat-tikkettar għandhom x'jaqsmu mal-effetti tal-isteroli tal-pjanti, tal-esteri tal-isteroli tal-pjanti, l-istanoli tal-pjanti u/jew l-esteri tal-fitostanoli fuq il-livell ta' kolesterol fid-demm.

(11) Minħabba li l-livelli ta' steroli tal-pjanti rikki fl-istigmasteroli għall-użu maħsub f'xorb alkoħoliku mhumiex biżżejjed biex jaffettawaw il-livelli ta' kolesterol fid-demm, il-koktejls alkoħoliċi li fihom steroli tal-pjanti rikki fl-istigmasteroli għandhom ikunu eżentati milli jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' ttikkettar stipulati bir-Regolament (KE) Nru 608/2004.

(12) L-ispeċifikazzjonijiet għall-isteroli tal-pjanti rikki fl-istigmasteroli għandhom jiddaħħlu fir-Regolament (UE) Nru 231/2012.

(13) L-opinjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel dwar is-sigurtà ta' steroli tal-pjanti rikki fl-istigmasteroli tal-14 ta' Mejju 2012 ikkunsidrat l-ispeċifikazzjonijiet għal dak l-addittiv tal-ikel kif propost mill-applikant u kif stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament. Hija kkonkludiet li l-ispeċifikazzjonijiet huma bbażati fuq dawk stabbiliti għall-isteroli tal-pjanti, l-istenoli tal-pjanti, u l-esteri tagħhom permezz tal-Kumitat Espert Konġunt tal-FAO/WHO dwar l-Addittivi tal-Ikel [3] u li r-riżultati mill-analiżi ta' steroli tal-pjanti rikki fl-istigmasteroli vverifikat li l-proċess tal-produzzjoni jipproduċi prodott konsistenti li jaqa' taħt l-ispeċifikazzjonijiet proposti.

(14) Meta jkunu qed jiġu aġġornati l-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 231/2012, għandhom jitqiesu l-ispeċifikazzjonijiet u t-tekniki analitiċi għall-addittivi tal-ikel kif jistabbilixxi l-*Codex Alimentarius* imfassal mill-Kumitat Konġunt ta' Esperti tal-FAO/WHO dwar l-Addittivi tal-Ikel.

(15) Għaldaqstant ir-Regolamenti (KE) Nru 1333/2008 u (UE) Nru 231/2012 għandhom jiġu emendati skont dan.

(16) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali, u la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma opponewhom,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012 huwa emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Lulju 2013.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

---

[1] ĠU L 97, 1.4.2004, p. 44.

[2] ĠU L 109, 6.5.2000, p. 29.

[3] Il-Kumitat Espert Konġunt tal-FAO/WHO dwar l-Addittivi tal-Ikel, 2008. Steroli tal-pjanti, stenoli tal-pjanti u l-esteri tagħhom. Fil-: Kompendju tal-Ispeċifikazzjonijiet tal-Additivi tal-Ikel. Imħejji fid-69 JECFA (2008), FAO JECFA Monografi 5.

*ANNESS I*

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) Fil-punt 3 tal-Parti B, l-annotazzjoni li ġejja għal E 499 tiddaħħal wara l-annotazzjoni għal E 495:

| | |
|---|---|
| "E 499 | Steroli tal-pjanti rikki fl-istigmasteroli" |

(2) Il-Parti E, il-kategorija tal-ikel 14.2.8 "Xarbiet alkoħoliċi oħra inklużi taħlitiet ta' xarbiet alkoħoliċi ma' xarbiet mhux alkoħoliċi u spirti b'inqas minn 15 % ta' alkoħol" hija emendata kif jidher hawn taħt:

(a) l-entrati li ġejjin għal E 499 jiddaħħlu wara l-entrata għal E 481-482:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | "E 499 | Steroli tal-pjanti rikki fl-istigmasteroli | 80 | (80) | Biss għall-koktejls alkoħoliċi lesti biex jiġu ffriżati bbażati fuq l-ilma |
| | E 499 | Steroli tal-pjanti rikki fl-istigmasteroli | 800 | (80) | Biss għall-koktejls alkoħoliċi lesti biex jiġu ffriżati ibbażati fuq il-krema" |

(b) tiżdied in-nota f'qiegħ il-paġna li ġejja:

"(80): Ir-rekwiżiti tat-tikkettar stipulati bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004 (ĠU L 97, 1.4.2004, p. 44) ma għandhomx japplikaw."

*ANNESS II*

Fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012, tiddaħħal l-annotazzjoni li ġejja għall-E 499 wara l-annotazzjoni għall-E 495:

**"E 499 STEROLI TAL-PJANTI RIKKI FL-ISTIGMASTEROLI**

| | |
|---|---|
| **Sinonimi** | |
| **Definizzjoni** | L-isteroli tal-pjanti rikki fl-istigmasteroli huma derivati minn fażola tas-sojja u huma definiti kimikament bħala taħlita sempliċi li tikkonsisti f'mhux anqas minn 95 % ta' steroli tal-pjanti (stigmasterol, β-sitosterol, kampesterol u brassikasterol), bl-istigmasterol li jirrappreżenta mhux inqas minn 85 % ta' steroli tal-pjanti rikki fl-istigmasterol. |
| Einecs | |
| Isem kimiku | |
| Stigmasterol | (3S,8S,9S,10R,13R,14S,17R)-17-(5-etil-6-metil-ett-3-en-2-il)-10,13-dimetil-2,3,4,7,8,9,11,12,14,15,16,17-dodekaidro-1Hċiklopenta[a]fenantren-3-ol |
| β-sitosterol | (3S,8S,9S,10R,13R,14S,17R)-17-[(2S,5S)-5-etil-6-metilettan-2-il]-10,13-dimetil-2,3,4,7,8,9,11,12,14,15,16,17-dodekaidro-1Hċiklopenta[a]fenantren-3-ol |
| Kampesterol | (3S,8S,9S,10R,13R,14S,17R)-17-(5,6-dimetilettan-2-il)-10,13-dimetil-2,3,4,7,8,9,11,12,14,15,16,17-dodekaidro-1Hċiklopenta[a]fenantren-3-ol |
| Brassikasterol | (3S,8S,9S,10R,13R,14S,17R)-17-[(E,2R,5R)-5,6-dimetiletta-3-en-2-il]-10,13-dimetil-2,3,4,7,8,9,11,12,14,15,16,17-dodekaidro-1Hċiklopenta[a]fenantren-3-ol |
| Formula kimika | |
| Stigmasterol | $C_{29}H_{48}O$ |
| β-Sitosterol | $C_{29}H_{50}O$ |
| Kampesterol | $C_{28}H_{48}O$ |
| Brassikasterol | $C_{28}H_{46}O$ |
| Piż molekulari | |
| Stigmasterol | 412,6 g/mol |
| β-Sitosterol | 414,7 g/mol |
| Kampesterol | 400,6 g/mol |
| Brassikasterol | 398,6 g/mol |
| Analiżi (prodotti li fihom biss steroli ħielsa u stanoli) | Kontenut mhux inqas minn 95 % fuq bażi totali ħielsa mill-isteroli/istanoli fuq il-bażi anidruża |

| | |
|---|---|
| **Deskrizzjoni** | Pilloli jew pastilji, trabijiet bojod jew kemxejn bojod, ġieri; likwidi mingħajr kulur sa isfar ċar |
| **Identifikazzjoni** | |
| Solubbiltà | Prattikament insolubbli fl-ilma. L-isteroli u l-istanoli tal-pjanti huma solubbli fl-aċeton u fl-aċitat etiliku. |
| Kontenut tal-Istigmasterol | Mhux anqas minn 85 % (w/w) |
| Steroli/stanoli tal-pjanti oħra: jew weħidhom jew flimkien inkluża brassikasterol, campestanol, kampesterol, Δ-7-kampesterol, kolesterol, chlerosterol, sitostanol u β-sitosterol. | mhux iżjed minn 15 % (w/w) |
| **Purità** | |
| Irmied totali | Mhux iktar minn 0,1 % |
| Solventi Residwi | Etanol: Mhux aktar minn 5 000 mg/kg |
| | Metanol: Mhux aktar minn 50 mg/kg |
| Kontenut ta' ilma | Mhux aktar minn 4 % (Metodu Karl Fisher) |
| Arseniku | Mhux aktar minn 3 mg/kg |
| Ċomb | Mhux aktar minn 1 mg/kg |
| **Kriterji mikrobijoloġiċi** | |
| Għadd ta' kolonji totali | Mhux aktar minn 1 000 CFU/g |
| Ħmira | Mhux aktar minn 100 CFU/g |
| Moffa | Mhux aktar minn 100 CFU/g |
| *Escherichia coli* | Mhux aktar minn 10 CFU/g |
| *Salmonella* spp. | Nieqsa f'25 g" |

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 740/2013**

**tat-30 ta' Lulju 2013**

**dwar derogi mir-regoli tal-oriġini stabbiliti fl-Anness II tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa, u l-Kolombja u l-Perù, fuq in-naħa l-oħra, li japplikaw għall-kwoti ta' ċerti prodotti mill-Kolombja**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/735/UE tal-31 ta' Mejju 2012 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja, tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tagħha,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni 2012/735/UE, il-Kunsill awtorizza l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa, u l-Kolombja u l-Perù, fuq in-naħa l-oħra ("il-Ftehim"). Skont id-Deċiżjoni 2012/735/UE, il-Ftehim għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja, sakemm jitlestew il-proċeduri pendenti għall-konklużjoni tiegħu. Il-Ftehim jibda japplika fuq bażi provviżorja mill-1 ta' Awwissu 2013.

(2) L-Anness II tal-Ftehim jikkonċerna d-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi tal-kooperazzjoni amministrattiva. Għal għadd ta' prodotti, l-Appendiċi 2A ta' dak l-Anness jipprevedi derogi mir-regoli tal-oriġini stabbiliti f'dak l-Anness fil-qafas ta' kwoti annwali. Għaldaqstant huwa meħtieġ li jiġu stipulati l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' dawn id-derogi għall-importazzjonijiet mill-Kolombja.

(3) Il-kwoti stipulati fl-Appendiċi 2A tal-Anness II għandhom jiġu mmaniġġjati mill-Kummissjoni fuq bażi ta' min jasal l-ewwel skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi il-Kodiċi Doganali Komunitarju ([2]).

(4) L-intitolament għall-benefiċċju mill-konċessjonijiet tariffarji għandu jkun soġġett għall-preżentazzjoni tal-prova relevanti tal-oriġini lill-awtoritajiet doganali, kif previst fil-Ftehim.

(5) Peress li l-Ftehim jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu 2013, dan ir-Regolament għandu japplika mill-istess data.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-regoli tal-oriġini stipulati fl-Appendiċi 2A tal-Anness II tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim"), japplikaw għall-kwoti stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Sabiex jibbenifikaw mid-deroga stipulata fl-Artikolu 1, il-prodotti elenkati fl-Anness ikollhom magħhom prova tal-oriġini kif stabbilit fl-Anness II tal-Ftehim.

*Artikolu 3*

Il-kwoti elenkati fl-Anness jiġu mmaniġġjati mill-Kummissjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 308a sa 308c tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

*Artikolu 4*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Huwa jibda japplika mill-1 ta' Awwissu 2013.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Lulju 2013.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
José Manuel BARROSO

([1]) ĠU L 354, 21.12.2012, p. 1.
([2]) ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

*ANNESS*

**Il-Kolombja**

Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem użat għad-deskrizzjoni tal-prodotti għandu jitqies biss bħala kliem ta' valur indikattiv, bil-kamp ta' applikazzjoni tal-iskema preferenzjali li jkun deċiż, fi ħdan il-kuntest ta' dan l-Anness, mill-kodiċi tan-NM kif ikunu jeżistu meta jiġi adottat dan ir-Regolament.

| Ordni Nru | Kodiċi tan-NM | Deskrizzjoni tal-prodotti | Perjodu tal-kwota | Volum ta' kwoti annwali (f'tunnellati ta' piż nett jekk mhux speċifikat mod ieħor) |
|---|---|---|---|---|
| 09.7140 | 3920 | Pjanċi, folji, films, fojls u strixxi oħrajn, ta' plastiks, mhux ċellolari u mhux rinfurzati, laminati, mirfudin jew ikkombinati b'mod simili ma' materjali oħrajn | Mill-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Lulju | 15 000 |
| 09.7141 | 6108 22 00 | Qliezet ta' taħt tan-nisa jew il-bniet, maħdumin bil-labar jew bil-ganċ, b'fibri sintetiċi | Mill-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Lulju | 200 |
| 09.7142 | 6112 31 | Malji tal-għawm tal-irġiel jew is-subien, maħdumin bil-labar jew bil-ganċ, b'fibri sintetiċi | Mill-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Lulju | 25 |
| 09.7143 | 6112 41 | Malji tal-għawm tan-nisa jew il-bniet, maħdumin bil-labar jew bil-ganċ, b'fibri sintetiċi | Mill-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Lulju | 100 |
| 09.7144 | 6115 10 | Maljerija b'kompressjoni gradwata (pereżempju, kalzetti għall-vini varikużi), maħdumin bil-labar jew bil-ganċ | Mill-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Lulju | 25 |
| 09.7145 | 6115 21 00 | Pantyhose u tajts oħrajn, ta' fibri sintetiċi, b'qies ta' kull ħajta inqas minn 67 deċitexs, maħdumin bil-labar jew bil-ganċ | Mill-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Lulju | 40 |
| 09.7146 | 6115 22 00 | Pantyhose u tajts oħrajn, ta' fibri sintetiċi, b'qies kull ħajta ta' 67 decitex jew iktar, maħdumin bil-labar jew bil-ganċ | Mill-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Lulju | 15 |
| 09.7147 | 6115 30 | Maljerija oħra tan-nisa t-tul kollu jew li tasal sal- irkoppa, ta' qies kull ħajta anqas minn 67 deċiteks, maħdumin bil-labar jew bil-ganċ | Mill-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Lulju | 25 |
| 09.7148 | 6115 96 | Oħrajn, ta' fibri sintetiċi, maħdumin bil-labar jew bil-ganċ | Mill-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Lulju | 175 |

| Ordni Nru | Kodiċi tan-NM | Deskrizzjoni tal-prodotti | Perjodu tal-kwota | Volum ta' kwoti annwali (f'tunnellati ta' piż nett jekk mhux speċifikat mod ieħor) |
|---|---|---|---|---|
| 09.7161 | 7321 | Fuklari, stufi, gradilji, kukers (inklużi dawk b'bojlers sussidjarji għal tisħin ċentrali), barbikju, braċieri, ċrieki tal-gass, apparat għat tisħin tal-platti u tagħmir simili tad-dar mhux tal-elettriku, u bċejjeċ tagħhom, tal-ħadid jew l-azzar | Mill-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Lulju | 20 000 għadd ta' oġġetti |
| 09.7162 | 7323 | Oġġetti tal-mejda, tal-kċina jew oġġetti oħrajn tad-dar u bċejjeċ tagħhom, tal-ħadid jew l-azzar; suf tal-ħadid jew tal-azzar (iron jew steel wool); barraxxi għal borom u biċċiet għal brix jew illustrar, ingwanti u x-xorta, tal-ħadid jew tal-azzar | Mill-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Lulju | 50 000 |
| 09.7163 | 7325 | Oġġetti oħrajn fonduti tal-ħadid jew l-azzar | Mill-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Lulju | 50 000 |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 741/2013

## tat-30 ta' Lulju 2013

## li jiftaħ u jipprevedi l-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni għall-prodotti agrikoli li joriġinaw mill-Kolombja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/735/UE tal-31 ta' Mejju 2012 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja, tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tagħha,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/735/UE, il-Kunsill awtorizza l-iffirmar, f'isem l-Unjoni tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim"). Skont id-Deċiżjoni 2012/735/UE, il-Ftehim għandu jkun applikat fuq bażi provviżorja, skont it-tlestija tal-proċeduri għall-konklużjoni tagħha Il-Ftehim japplika fuq bażi provviżorja mill-1 ta' Awwissu 2013.

(2) Is-sottotaqsima 1 tat-Taqsima B tal-Appendiċi 1 tal-Anness għall-Ftehim tikkonċerna l-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffa għall-parti tal-UE għal prodotti li joriġinaw mill-Kolombja. Għal numru ta' prodotti speċifiċi, hija tipprevedi l-applikazzjoni ta' kwoti tariffarji. Għaldaqstant huwa neċessarju li jinfetħu l-kwoti tariffarji għal tali prodotti.

(3) Il-kwoti tariffarji għandhom jiġu amministrati mill-Kummissjoni, fuq il-bażi li jinqeda l-ewwel min jasal l-ewwel skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju ([2]).

(4) L-intitolament għal benefiċċju mill-konċessjonijiet ta' tariffi għandu jkun suġġett għall-preżentazzjoni tal-prova tal-oriġini rilevanti lill-awtoritajiet tad-dwana, kif previst fil-Ftehim.

(5) L-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ([3]), kif emendat mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 927/2012 ([4]), jinkludi kodiċijiet tan-NM li huma differenti minn dawk imsemmija fil-Ftehim. Il-kodiċijiet il-ġodda għaldaqstant għandhom ikunu riflessi fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(6) Peress li l-Ftehim jidħol fis-seħħ nhar l-1 ta' Awwissu 2013, dan ir-Regolament għandu japplika mill-istess data.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-kwoti tariffarji huma miftuħa għall-prodotti li joriġinaw mill-Kolombja u li huma elenkati fl-Anness.

*Artikolu 2*

Id-dazji applikabbli fuq l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-Kolombja u li huma elenkati fl-Anness, għandhom, skont il-kwota tariffarja rispettiva stabbilita fl-Anness ta' dan ir-Regolament, jiġu sospiżi.

*Artikolu 3*

Il-kwoti tariffarji msemmija fl-Anness ikunu amministrati mill-Kumissjoni b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 308a sa 308c tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

*Artikolu 4*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Japplika mill-1 ta' Awwissu 2013.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Lulju 2013.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
José Manuel BARROSO

([1]) ĠU L 354, 21.12.2012, p. 1.
([2]) ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.
([3]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.
([4]) ĠU L 304, 31.10.2012, p. 1.

*ANNESS*

Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem użat għad-deskrizzjoni tal-prodotti għandu jitqies biss bħala kliem ta' valur indikattiv, bl-iskema preferenzjali tkun deċiża, fil-kuntest ta' dan l-Anness, permezz tal-kodiċi tan-NM kif jeżistu meta jiġi adottat dan ir-Regolament.

| Ordni Nru | Kodiċi NM | Deskrizzjoni tal-prodotti | Perjodu tal-kwota | Volum ta' kwoti annwali (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor) |
|---|---|---|---|---|
| 09.7230 | 0201 30<br>0202 30 | Laħam ta' bovini, frisk, imkessaħ jew friżat, mingħajr għadma | Mill-1.8.2013 sal-31.12.2013 | 2 334 |
| | | | Mill-1.1 sal-31.12.2014 u għal kull perjodu sussegwenti mill-1.1 sal-31.12 | 6 160 (1) |
| 09.7231 | 0711 51 | Faqqiegħ tal-ġenus *Agaricus*, ippreservat b'mod provvizorju iżda mhux tajjeb f'dak l-istat għall-konsum immedjat | Mill-1.8.2013 sal-31.12.2013 | 42 |
| | 2003 10 | Faqqiegħ tal-ġenus *Agaricus*, ippreparat jew ippriżervat b'mod ieħor għajr bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku. | Mill-1.1 sal-31.12.2014 u għal kull perjodu sussegwenti mill-1.1 sal-31.12 | 105 (2) |
| 09.7232 | 2208 40 51<br>2208 40 99 | Rum u spirti oħra miksuba permezz tad-distillazzjoni ta' prodotti ffermentati ta' zokkor tal-kannamiela, f'konterituri ta' iktar minn żewġ litri. | Mill-1.8.2013 sal-31.12.2013 | 625 ettolitri (espressi f'ekwivalent ta' alkoħol pur) |
| | | | Mill-1.1 sal-31.12.2014 u għal kull perjodu sussegwenti mill-1.1 sal-31.12 | 1 600 ettolitru (espressi f'ekwivalent ta' alkoħol pur) (3) |
| 09.7233 | 0710 40<br>0711 90 30<br>2001 90 30<br>2004 90 10<br>2005 80 | Qamħ ħelu | Mill-1.8.2013 sal-31.12.2013 | 84 |
| | 2008 99 85 | Qamħirrun, ħlief qamħ ħelu (*Zea mays* var. *saccharata*) ippreparat jew ippreżervat mod ieħor, li ma fihx spiritu miżjud jew zokkor miżjud | Mill-1.1 sal-31.12.2014 u għal kull perjodu sussegwenti mill-1.1 sal-31.12 | 210 (4) |
| 09.7234 | 0403 10 | Jogurt | Mill-1.8.2013 sal-31.12.2013 | 42 |
| | | | Mill-1.1 sal-31.12.2014 u għal kull perjodu sussegwenti mill-1.1 sal-31.12 | 105 (2) |

| Ordni Nru | Kodiċi NM | Deskrizzjoni tal-prodotti | Perjodu tal-kwota | Volum ta' kwoti annwali (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor) |
|---|---|---|---|---|
| 09.7235 | 1701 13<br>1701 14<br>1701 91<br>1701 99 | Zokkor tal-kannamiela, li mhux miżjud b'togħmiet jew b'kulur; zokkor tal-kannamieli jew tal-pitravi u sukrożju pur kimikament f'forma solida, għajr zokkor mhux raffinat li mhumiex miżjuda b'togħmiet jew b'kulur | Mill-1.8.2013 sal-31.12.2013 | 25 834 (espressi f'ekwivalent ta' zokkor mhux raffinat) |
| | | | Mill-1.1 sal-31.12.2014 u għal kull perjodu sussegwenti mill-1.1 sal-31.12 | 63 860 (espressi f'ekwivalent ta' zokkor mhux raffinat) (5) |
| 09.7236 | Ex 1704 90 99 | Prodotti ħelwin oħra li ma fihomx kawkaw, li fihom 70 % jew iktar f'piż ta' sukrożju | Mill-1.8.2013 sal-31.12.2013 | 8 334 |
| | 1806 10 30<br>1806 10 90 | Trab tal-kawkaw li fih 65 % jew iktar f'piż ta' sukrożju jew isoglukożju espress bħala sukrożju | Mill-1.1 sal-31.12.2014 u għal kull perjodu sussegwenti mill-1.1 sal-31.12 | 20 600 (6) |
| | Ex 1806 20 95 | Preparazzjonijiet oħrajn tal-ikel li fihom il-kawkaw, fi blokok, ċangaturi jew biċċiet sħaħ li jiżnu iktar minn 2 kg jew f'forma likwida, pejst, trab, granulat jew xi forma oħra fi kwantità, f'reċipjenti jew ippakkjati għall-konsum, b'kontenut li jaqbeż iż-2 kg, li fih inqas minn 18 % tal-piż butir tal-kawkaw, u 70 % jew iktar f'piż ta' sukrożju. | | |
| | Ex 1901 90 99 | Preparazzjonijiet oħra tal-ikel tad-dqiq, frak oħxon, pasta, lamtu jew estratt tax-xgħir, li ma fihomx kawkaw jew li fihom inqas minn 40 % f'piż ta' kawkaw, ikkalkulat fuq bażi totalment mingħajr xaħam, li fihom 70 % jew iktar f'piż ta' sukrożju; | | |
| | Ex 2006 00 31<br>Ex 2006 00 38 | Frott (minbarra frott tropikali u ġinġer), ħaxix, lewż (minbarra lewż tropikali), qoxra tal-frott u partijiet oħra tal-pjanti, ippreservati biz-zokkor (mingħajr ilma, glacé jew kristallizzat), li fih 70 % jew iktar f'piż ta' sukrożju | | |
| | Ex 2007 91 10<br>Ex 2007 99 20<br>Ex 2007 99 31<br>Ex 2007 99 33<br>Ex 2007 99 35<br>Ex 2007 99 39 | Ġammijiet, jellies tal-frott, marmalades, purée tal-frott jew tal-lewż, jew pestijiet tal-lewż miksuba billi jissajru, li fihom 70 % jew iktar f'piż ta' sukrożju. | | |

| Ordni Nru | Kodiċi NM | Deskrizzjoni tal-prodotti | Perjodu tal-kwota | Volum ta' kwoti annwali (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor) |
|---|---|---|---|---|
| | Ex 2009 | Meraq tal-frott (minbarra meraq tat-tadam, meraq ta' frott tropikali u taħlitiet ta' meraq ta' frott tropikali) u meraq tal-ħaxix ta' valur li ma jaqbiżx it-EUR 30 għal kull 100 kg ta' piż nett, mhux iffermentat u li ma fihx spirti miżjuda, li fih 30 % jew iktar f'piż ta' zokkor miżjud | | |
| | Ex 2101 12 98<br>Ex 2101 20 98 | Preparazzjonijiet b'bażi ta' tè jew mate li jkun fihom 70 % jew aktar f'piż tas-sukrożju/isoglukożju | | |
| | Ex 2106 90 98 | Preparamenti tal-ikel oħra mhux speċifikati jew inklużi x'imkien ieħor, li jkollhom 70 % jew iktar f'piż ta' sukrożju | | |
| | Ex 3302 10 29 | Taħlitiet ta' sustanzi fragranti u taħlitiet b'bażi ta' sustanza waħda jew iktar minn dawn ta' tip użat fl-industrija tax-xorb li fihom sustanzi li jagħtu t-togħma li jikkaratterizzaw xarba ta' saħħa alkoħolika reali f'volum li ma jaqbiżx 0,5 % li fih 70 % jew iktar f'piż ta' sukrożju | | |
| 09.7237 | 0402 99 | Ħalib u krema, li fihom zokkor miżjud jew kwalunkwe sustanza oħra li tagħti l-ħlewwa li mhumiex trab, granuli jew forom solidi oħra | Mill-1.8.2013 sal-31.12.2013 | 42 |
| | | | Mill-1.1 sal-31.12.2014 u għal kull perjodu susseg-wenti mill-1.1 sal-31.12 | 105 (2) |

(1) B'żieda ta' 560 tunnellata metrika kull sena mill-2015.
(2) B'żieda ta' 5 tunnellati metriċi kull sena mill-2015.
(3) B'żieda ta' 100 ettolitru (espressi f'ekwivalent ta' alkoħol pur) kull sena mill-2015.
(4) B'żieda ta' 5 tunnellati metriċi kull sena mill-2015.
(5) B'żieda ta' 1 860 tunnellata metrika (espressa f'ekwivalent ta' zokkor mhux raffinat) kull sena mill-2015.
(6) B'żieda ta' 600 tunnellata metrika kull sena mill-2015.

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 742/2013

## tat-30 ta' Lulju 2013

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS unika) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Lulju 2013.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Jerzy PLEWA
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0707 00 05 | TR | 147,7 |
| | ZZ | 147,7 |
| 0709 93 10 | TR | 124,7 |
| | ZZ | 124,7 |
| 0805 50 10 | AR | 78,1 |
| | BO | 73,4 |
| | CL | 73,3 |
| | TR | 71,0 |
| | UY | 86,6 |
| | ZA | 93,5 |
| | ZZ | 79,3 |
| 0806 10 10 | CL | 140,3 |
| | EG | 221,6 |
| | MA | 158,2 |
| | MX | 242,3 |
| | TR | 174,6 |
| | ZZ | 187,4 |
| 0808 10 80 | AR | 135,2 |
| | BR | 96,6 |
| | CL | 121,1 |
| | CN | 111,1 |
| | NZ | 141,8 |
| | US | 151,0 |
| | ZA | 125,9 |
| | ZZ | 126,1 |
| 0808 30 90 | AR | 96,7 |
| | CL | 149,3 |
| | NZ | 112,3 |
| | TR | 161,6 |
| | ZA | 109,6 |
| | ZZ | 125,9 |
| 0809 10 00 | TR | 192,1 |
| | ZZ | 192,1 |
| 0809 29 00 | CA | 303,6 |
| | TR | 339,3 |
| | ZZ | 321,5 |
| 0809 30 | TR | 147,1 |
| | ZZ | 147,1 |
| 0809 40 05 | BA | 57,9 |
| | TR | 115,1 |
| | XS | 66,6 |
| | ZZ | 79,9 |

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2013/44/UE

### tat-30 ta' Lulju 2013

### li temenda d-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex tinkludi t-trab taċ-ċifċiegħa tal-qamħirrum bħala sustanza attiva fl-Annessi I u IA tagħha

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali [1], u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 16(2) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1451/2007 tal-4 ta' Diċembru 2007 dwar it-tieni fażi tal-programm ta' ħidma ta' 10 snin imsemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward it-tqegħid fis-suq ta' prodotti bijoċidali [2] jistabbilixxi lista ta' sustanzi attivi li għandhom jiġu vvalutati, bil-għan li possibbilment jiġu inklużi fl-Anness I, IA jew IB tad-Direttiva 98/8/KE. Dik il-lista tinkludi t-trab taċ-ċifċiegħa tal-qamħirrum.

(2) Skont ir-Regolament (KE) Nru 1451/2007, it-trab taċ-ċifċiegħa tal-qamħirrum ġie evalwat skont l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 98/8/KE għall-użu fil-prodotti tat-tip 14 - ir-rodentiċidi, kif iddefiniti fl-Anness V ta' dik id-Direttiva.

(3) Il-Greċja nħatret bħala l-Istat Membru Rapporteur u ressqet ir-rapport tal-awtorità kompetenti, flimkien ma' rakkomandazzjoni, lill-Kummissjoni fit-22 ta' Ottubru 2009 skont l-Artikolu 14(4) u (6) tar-Regolament (KE) Nru 1451/2007.

(4) Ir-rapport tal-awtorità kompetenti ġie analizzat mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni, bl-involviment tal-applikant. Skont l-Artikolu 15(4) tar-Regolament (KE) Nru 1451/2007, is-sejbiet tal-analiżi ġew inkorporati f'rapport ta' valutazzjoni, fi ħdan il-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali fil-21 ta' Settembru 2012.

(5) Ir-rapport ta' valutazzjoni jikkonkludi li wieħed jista' jistenna li l-prodotti bijoċidali użati bħala rodentiċidi, u li fihom it-trab taċ-ċifċiegħa tal-qamħirrum, jilħqu r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/8/KE, u għaldaqstant, jirrakkomanda l-inklużjoni, fl-Anness I ta' dik id-Direttiva, tat-trab taċ-ċifċiegħa tal-qamħirrum għall-użu fil-prodotti tat-tip 14. Jixraq li din ir-rakkomandazzjoni tiġi segwita.

(6) Ir-rapport ta' valutazzjoni jikkonkludi wkoll li wieħed jista' jistenna li l-prodotti bijoċidali użati bħala rodentiċi u li fihom it-trab taċ-ċifċiegħa tal-qamħirrum jippreżentaw biss riskju baxx għall-bnedmin, għall-annimali li ma jkunux fil-mira ta' dawn il-prodotti u għall-ambjent, partikularment fir-rigward tal-użu li ġie analizzat u spjegat fid-dettall fir-rapport ta' valutazzjoni, jiġifieri l-użu fil-forma ta' pelits f'postijiet nexfin. Għaldaqstant, ir-rapport jirrakkomanda l-inklużjoni tat-trab taċ-ċifċiegħa tal-qamħirrum, għal dak l-użu, fl-Anness IA tad-Direttiva 98/8/KE. Jixraq li din ir-rakkomandazzjoni tiġi segwita.

(7) Skont il-prattika attwali, u bi qbil mal-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 98/8/KE, jixraq li din l-inklużjoni tiġi limitata għal perjodu ta' għaxar snin.

(8) Ma ġewx evalwati l-użi u x-xenarji ta' esponiment potenzjali kollha fil-livell tal-Unjoni. Għaldaqstant, jixraq li l-Istati Membri jintalbu jivvalutaw dawk l-użi jew ix-xenarji ta' esponiment u dawk ir-riskji għall-popolazzjonijiet umani u għall-kompartimenti ambjentali li għadhom ma ġewx indirizzati b'mod rappreżentattiv fil-valutazzjoni tar-riskji li saret fil-livell tal-Unjoni, u jixraq li dawn jintalbu jiżguraw, meta jkunu qed jagħtu l-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti, li jittieħdu miżuri xierqa jew li jiġu imposti kundizzjonijiet speċifiċi sabiex ir-riskji identifikati jitnaqqsu għal livelli aċċettabbli.

(9) Id-dispożizzjonijiet adottati skont din id-Direttiva għandhom jiġu applikati simultanjament fl-Istati Membri kollha, sabiex jiġi żgurat trattament indaqs fis-suq tal-Unjoni tal-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 14 li fihom it-trab taċ-ċifċiegħa tal-qamħirrum bħala sustanza attiva, kif ukoll biex jiġi ffaċilitat it-tħaddim tajjeb tas-suq tal-prodotti bijoċidali b'mod ġenerali.

(10) Għandu jitħalla jgħaddi perjodu raġonevoli qabel ma sustanza attiva tiġi inkluża fl-Annessi I u IA tad-Direttiva 98/8/KE, sabiex l-Istati Membri u l-partijiet interessati jkunu jistgħu jippreparaw ruħhom biex jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda involuti, u sabiex ikun żgurat li l-applikanti li jkunu ħejjew id-dokumentazzjoni tagħhom ikunu jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ mill-perjodu ta' għaxar (10) snin ta' protezzjoni tad-dejta, li, skont l-Artikolu 12(1)(c)(ii) tad-Direttiva 98/8/KE, jibda mid-data tal-inklużjoni.

[1] ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1.
[2] ĠU L 325, 11.12.2007, p. 3.

(11) Wara l-inklużjoni, l-Istati Membri għandhom jingħataw perjodu raġonevoli biex jimplimentaw l-Artikolu 16(3) tad-Direttiva 98/8/KE.

(12) Għaldaqstant, id-Direttiva 98/8/KE għandha tiġi emendata skont dan.

(13) Skont id-Dikjarazzjoni politika konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni [1], l-Istati Membri ntrabtu li jakkumpanjaw, f'każijiet iġġustifikati, in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew aktar li jispjega r-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti nazzjonali ta' traspożizzjoni.

(14) Il-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 28(1) tad-Direttiva 98/8/KE ma ħariġx opinjoni dwar il-miżuri previsti f'din id-Direttiva u għaldaqstant, il-Kummissjoni ressqet proposta dwar il-miżuri lill-Kunsill, u baghtitha wkoll lill-Parlament Ewropew. Il-Kunsill ma aġixxiex fil-perjodu ta' xahrejn previst fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni [2], u għaldaqstant, il-Kummissjoni ressqet il-proposta lill-Parlament Ewropew mingħajr dewmien. Il-Parlament Ewropew ma oġġezzjonax għall-miżura fi żmien erba' xhur minn meta l-Kummissjoni baghtitlu l-proposta,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Annessi I u IA tad-Direttiva 98/8/KE għandhom jiġu emendati skont l-Anness ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

1. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar 2014, l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

Għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Frar 2015 'il quddiem.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Lulju 2013.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
José Manuel BARROSO

---

[1] ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.
[2] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

*ANNESS*

(1) Fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE għandha tiżdied l-entrata li ġejja:

| Nru | Isem komuni | Isem tal-IUPAC Numri tal-identifikazzjoni | Grad minimu ta' purità tas-sustanza attiva (*) | Data tal-inklużjoni | Data ta' skadenza għall-konformità mal-Artikolu 16(3), sakemm ma tapplikax xi waħda mill-eċċezzjonijiet indikati fin-nota ta' qiegħ il-paġna ta' din l-intestatura (**) | Data ta' skadenza tal-inklużjoni | Tip ta' prodott | Dispożizzjonijiet speċifiċi (***) |
